



Dokument ta' sessjoni

A9-0014/2024

29.1.2024

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom, u
li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – (2023)0226(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Jessica Polfjärd

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	47
ANNEX: ENTITAJET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	50
POŻIZZJONI TAL-MINORANZA.....	51
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI.....	52
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	90
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	91

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjanti miksba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 (COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0411),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 114 u l-Artikolu 168(4)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0238/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni motivati ppreżentati mill-Parlament Ċiprijott u l-Parlament Ungeriż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' April 2023¹,
 - wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0014/2024),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Mill-2001, meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³²⁾ dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) 'il hawn il-progress sinifikanti fil-bijoteknoloġija wassal għall-iżvilupp ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs), l-aktar prominenti fosthom tekniki ta' editjar tal-ġenoma li jippermettu li jsiru bidliet fil-ġenoma f'postijiet preċiżi.

³² Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta' tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista' tintuża b'diversi modi biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti. Dawn jistgħu jirriżultaw f'organiżmi b'modifikazzjonijiet ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb permezz ta' metodi ta' tniissil konvenzjonali jew f'organiżmi

Emenda

(1) Mill-2001, meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³²⁾ dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM), 'il hawn, il-progress sinifikanti fil-bijoteknoloġija wassal għall-iżvilupp ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs), l-aktar prominenti fosthom tekniki ta' editjar tal-ġenoma li jippermettu li jsiru bidliet fil-ġenoma f'postijiet preċiżi. ***L-avvanzi kbar fl-ingenierija ġenetika diġà kkontribwew għall-użu mifrux ta' selezzjoni assistita mill-markaturi, u dan jagħmilha possibbli li jiġu identifikati u mobilizzati ġeni interessanti li huma preżenti fil-bijodiversità.***

³² Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).

Emenda

(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta' tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista' tintuża b'diversi modi biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti. Dawn jistgħu jirriżultaw f'organiżmi b'modifikazzjonijiet ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb permezz ta' metodi ta' tniissil konvenzjonali jew f'organiżmi

b' modifikazzjonijiet aktar kumplessi. Fost l-NGTs, il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) jintroduċu modifikazzjonijiet ġenetiċi mingħajr ma jiddaħħal materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi). Dawn jiddependu biss fuq il-ġabra tal-ġeni tan-nissjela, jiġifieri l-informazzjoni ġenetika totali li hija disponibbli għat-tnissil konvenzjonali inkluż minn speċijiet ta' pjanti relatati mill-bogħod li jistgħu jinkroċjaw b'tekniki ta' tnissil avvanzati. It-tekniki ta' mutaġenesi mmirata jirriżultaw f' modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f' postijiet **preċiżi** fil-ġenoma ta' organiżmu. It-tekniki taċ-ċisġenesi jirriżultaw fl-inserzjoni, fil-ġenoma ta' organiżmu, ta' materjal ġenetiku diġà preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissjela. L-intraġeneżi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-ġenoma ta' kopja riformulata ta' materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar li diġà huma preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissjela.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Hemm riċerka pubblika u privata għaddejja li qiegħda tuża l-NGTs fuq varjetà usa' ta' għelejjel u karatteristiċi meta mqabbla ma' daww miksuba permezz ta' tekniki transġeniċi awtorizzati fl-Unjoni jew globalment⁽³³⁾. Dan jinkludi pjanti b'tolleranza jew reżistenza mtejbja għall-mard tal-pjanti u l-pesti, pjanti b'tolleranza jew reżistenza mtejbja għall-effetti tat-tibdil fil-klima u l-istress ambjentali, effiċjenza mtejbja fl-użu tan-nutrijenti u tal-ilma, pjanti b'rendimenti u reżiljenza akbar u karatteristiċi ta' kwalità mtejbja. Dawn it-tipi ta' pjanti ġodda, flimkien mal-applikabbiltà pjuttost faċli u rapida ta'

b' modifikazzjonijiet aktar kumplessi. Fost l-NGTs, il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) jintroduċu modifikazzjonijiet ġenetiċi mingħajr ma jiddaħħal materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi). Dawn jiddependu biss fuq il-ġabra tal-ġeni tan-nissjela, jiġifieri l-informazzjoni ġenetika totali li hija disponibbli għat-tnissil konvenzjonali inkluż minn speċijiet ta' pjanti relatati mill-bogħod li jistgħu jinkroċjaw b'tekniki ta' tnissil avvanzati. It-tekniki ta' mutaġenesi mmirata jirriżultaw f' modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f' postijiet **immirati** fil-ġenoma ta' organiżmu. It-tekniki taċ-ċisġenesi jirriżultaw fl-inserzjoni, fil-ġenoma ta' organiżmu, ta' materjal ġenetiku diġà preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissjela. L-intraġenesi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-ġenoma ta' kopja riformulata ta' materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar li diġà huma preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissjela.

Emenda

(3) Hemm riċerka pubblika u privata għaddejja li qiegħda tuża l-NGTs fuq varjetà usa' ta' għelejjel u karatteristiċi meta mqabbla ma' daww miksuba permezz ta' tekniki transġeniċi awtorizzati fl-Unjoni jew globalment⁽³³⁾. Dan jinkludi pjanti b'tolleranza jew reżistenza mtejbja għall-mard tal-pjanti u l-pesti, pjanti b'tolleranza **għall-erbiċidi, pjanti b'tolleranza** jew reżistenza mtejbja għall-effetti tat-tibdil fil-klima u l-istress ambjentali, effiċjenza mtejbja fl-użu tan-nutrijenti u tal-ilma, pjanti b'rendimenti u reżiljenza akbar u karatteristiċi ta' kwalità mtejbja. Dawn it-tipi ta' pjanti ġodda, flimkien mal-

dawk it-tekniki l-ġodda, jistgħu jwasslu benefiċċji għall-bdiewa, għall-konsumaturi u għall-ambjent. Għalhekk, l-NGTs jista' jkollhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-innovazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ⁽³⁴⁾ u tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" ⁽³⁵⁾, għall-Bijodiversità ⁽³⁶⁾ u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima ⁽³⁷⁾ għas-sigurtà tal-ikel globali ⁽³⁸⁾, għall-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija ⁽³⁹⁾ u għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni ⁽⁴⁰⁾.

³³ L-għarfien u s-soluzzjonijiet li jirriżultaw minn proġetti ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-UE dwar strateġija għat-tniissil tal-pjanti jistgħu jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi tad-detezzjoni, biex jiġu żgurati t-traċċabbiltà u l-awtentiċità, u biex tiġi promossa l-innovazzjoni fil-qasam ta' tekniki ġenomiċi ġodda. Aktar minn 1 000 proġett ġew iffinanzjati taħt is-Seba' Programm Kwadru u l-programm suċċessur Orizzont 2020 b'investiment ta' aktar minn EUR 3 biljun. L-appoġġ ta' Orizzont Ewropa għal proġetti kollaborattivi ġodda ta' riċerka dwar l-istrateġija għat-tniissil tal-pjanti għadu għaddej ukoll, SWD(2021) 92.

³⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final.

³⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM/2020/381 final.

³⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE

applikabbiltà pjuttost faċli u rapida ta' dawk it-tekniki l-ġodda, jistgħu jwasslu benefiċċji għall-bdiewa, għall-konsumaturi u għall-ambjent. Għalhekk, l-NGTs jista' jkollhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ⁽³⁴⁾ u tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" ⁽³⁵⁾, dwar il-Bijodiversità ⁽³⁶⁾ u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima ⁽³⁷⁾, għas-sigurtà tal-ikel globali ⁽³⁸⁾, għall-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija ⁽³⁹⁾ u għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni ⁽⁴⁰⁾.

³³ L-għarfien u s-soluzzjonijiet li jirriżultaw minn proġetti ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-UE dwar strateġija għat-tniissil tal-pjanti jistgħu jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi tad-detezzjoni, biex jiġu żgurati t-traċċabbiltà u l-awtentiċità, u biex tiġi promossa l-innovazzjoni fil-qasam ta' tekniki ġenomiċi ġodda. Aktar minn 1 000 proġett ġew iffinanzjati taħt is-Seba' Programm Kwadru u l-programm suċċessur Orizzont 2020 b'investiment ta' aktar minn EUR 3 biljun. L-appoġġ ta' Orizzont Ewropa għal proġetti kollaborattivi ġodda ta' riċerka dwar l-istrateġija għat-tniissil tal-pjanti għadu għaddej ukoll, SWD(2021)92.

³⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final.

³⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM/2020/381 final.

³⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE

għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna, COM/2020/380 final.

³⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, COM(2021) 82 final

³⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel, COM (2022) 133; L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), 2022, Gene editing and agrifood systems, Ruma, ISBN 978-92-5-137417-7.

³⁹ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, A sustainable bioeconomy for Europe – Strengthening the connection between economy, society and the environment: updated bioeconomy strategy, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2018, <https://data.europa.eu/doi/10.2777/792130>.

⁴⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021)66 final.

għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna, COM/2020/380 final.

³⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, COM(2021)82 final.

³⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel, COM(2022)133 final; L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), 2022, Gene editing and agrifood systems (Editjar tal-ġeni u sistemi agroalimentari), Ruma, ISBN 978-92-5-137417-7.

³⁹ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, A sustainable bioeconomy for Europe – Strengthening the connection between economy, society and the environment: updated bioeconomy strategy (Bijoekonomija sostenibbli għall-Ewropa – Tisħiħ tal-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent: strateġija aġġornata dwar il-bijoekonomija), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2018, <https://data.europa.eu/doi/10.2777/792130>.

⁴⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021)66 final.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 8

(8) **Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi adottat qafas legali speċifiku għall-OĠM** miksuba bil-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi u prodotti relatati **meta jiġu rilaxxati intenzjonalment fl-ambjent jew jitqiegħdu fis-suq.**

(8) **Il-pjanti u l-prodotti tal-NGT tal-Kategorija 1** miksuba bil-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi u prodotti relatati **jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għar-regoli u r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u għal dispożizzjonijiet f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li japplikaw għall-OĠM. Il-pjanti u l-prodotti tal-mutaġenesi mmirata tal-NGT tal-Kategorija 1 jenħtieġ li jiġu eżentati mill-Anness 1B tad-Direttiva 2001/18/KE kif ġew eżentati metodi oħra ta' mutaġenesi.**

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 9

(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae, **esklużi l-mikroorganiżmi, il-fungi u l-annimali li għalihom l-għarfien disponibbli huwa aktar limitat.** Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn 'il quddiem il-“pjanti tal-NGT”), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jgorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista'

(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali b'mod partikolari dwar l-aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi tassonomiċi Archaeplastida jew Phaeophyceae. **L-għarfien disponibbli dwar organiżmi oħra, bħall-mikroorganiżmi, il-fungi u l-annimali, jenħtieġ li jiġi rieżaminat bil-ħsieb ta' inizjattivi leġiżlattivi futuri dwarhom.** Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn hawn 'il quddiem il-“pjanti tal-NGT”), iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti tal-NGT ma jgorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-

jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene. ***Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-reqwiżiti attwali fil-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM għall-OĠM miksuba mit-transġenesi jehntieg li jiġu adattati f'dan il-mument.***

leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-transġene.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. Dan il-qafas legali jenħtieġ li jippermetti l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT") sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi tal-innovazzjoni u s-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrategġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u biex ittejjeb il-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji.

Emenda

(10) ***B'kunsiderazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' prekawzjoni***, il-qafas legali għall-pjanti tal-NGT jenħtieġ li jkollu l-istess objettivi bħal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM biex jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-pjanti u l-prodotti kkonċernati, filwaqt li tiġi indirizzata l-ispeċifiċità tal-pjanti tal-NGT. Dan il-qafas legali jenħtieġ li jippermetti l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' pjanti, ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew huma prodotti minn pjanti tal-NGT u prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT ("prodotti tal-NGT") sabiex jikkontribwixxi għall-objettivi ta' innovazzjoni u sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrategġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", dwar il-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u biex ittejjeb il-kompetittività tas-settur agroalimentari tal-Unjoni fil-livell tal-Unjoni u dak dinji.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi *lex*

Emenda

(11) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi *lex*

specialis fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM. Jintroduċi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-pjanti tal-NGT u għall-prodotti tal-NGT. Madankollu, fejn ma jkun hemm l-ebda regola speċifika f'dan ir-Regolament, il-pjanti tal-NGT u l-prodotti (***inklużi l-ikel u l-għalf***) miksuba minnhom jenħtieġ li jibqgħu soġġetti għar-reqwiziti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u r-regoli dwar l-OĠM fil-leġiżlazzjoni settorjali, bħar-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali jew il-leġiżlazzjoni dwar ċerti prodotti bħall-materjal riproduttiv tal-pjanti u tal-foresti.

specialis fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM. Jintroduċi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-pjanti tal-NGT u għall-prodotti tal-NGT. Madankollu, meta ma jkun hemm l-ebda regola speċifika f'dan ir-Regolament, il-pjanti tal-NGT u l-prodotti miksuba minnhom jenħtieġ li jibqgħu soġġetti għar-reqwiziti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u r-regoli dwar l-OĠM fil-leġiżlazzjoni settorjali, bħar-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali jew il-leġiżlazzjoni dwar ċerti prodotti bħall-materjal riproduttiv tal-pjanti u tal-foresti.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Il-pjanti tal-NGT bil-potenzjal li jippersistu, jirriproduċu jew jinfirxu fl-ambjent, fl-għelieqi jew lil hinn minnhom, jenħtieġ li jiġu evalwati bl-ogħla livell ta' skrutinju fir-rigward tal-impatt ta' tali tal-pjanti fuq in-natura u l-ambjent.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) Il-pjanti tal-NGT li jistgħu jseħħu wkoll b'mod naturali jew jiġu prodotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali u n-nisel tagħhom ***miksub b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali*** ("pjanti tal-NGT tal-kategorija 1") jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala pjanti li seħħew b'mod naturali jew li ġew prodotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali, minħabba li huma ekwivalenti u li r-riskji tagħhom huma komparabbli, u b'hekk jidderogaw bis-sħiħ mil-leġiżlazzjoni tal-

(14) Il-pjanti tal-NGT li jistgħu jseħħu wkoll b'mod naturali jew jiġu prodotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali u n-nisel tagħhom ("pjanti tal-NGT tal-kategorija 1") jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala pjanti li seħħew b'mod naturali jew li ġew prodotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali, minħabba li huma ekwivalenti u li r-riskji tagħhom huma komparabbli, u b'hekk issir deroga bis-sħiħ mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u mir-reqwiziti

Unjoni dwar l-OĠM u mir-reqwiziti relatati mal-OĠM fil-leġiżlazzjoni settorjali. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi l-kriterji biex jiġi aċċertat jekk pjanta tal-NGT hijiex ekwivalenti għal pjanti li jseħħu b'mod naturali jew imnisslin b'mod konvenzjonali u jistabbilixxi proċedura li biha l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivverifikaw u jieħdu deċiżjoni dwar l-issodisfar ta' dawk il-kriterji, qabel ir-rilaxx jew it-tqegħid fis-suq ta' pjanti tal-NGT jew ta' prodotti tal-NGT. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jkunu oġġettivi u bbażati fuq ix-xjenza. Jenħtieġ li jkopru t-tip u l-firxa ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi li jistgħu jiġu osservati fin-natura jew f'organiżmi miksuba b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali u jenħtieġ li jinkludu limiti kemm għad-daqs kif ukoll għan-numru ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi fil-ġenoma tal-pjanti tal-NGT. Peress li l-għarfien xjentifiku u tekniku jevolvi malajr f'dan il-qasam, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex taġġorna dawn il-kriterji fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku fir-rigward tat-tip u l-firxa ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi li jistgħu jseħħu fin-natura jew permezz tat-tnissil konvenzjonali.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

relatati mal-OĠM fil-leġiżlazzjoni settorjali. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi l-kriterji biex jiġi aċċertat jekk pjanta tal-NGT hijiex ekwivalenti għal pjanti li jseħħu b'mod naturali jew imnisslin b'mod konvenzjonali u jistabbilixxi proċedura li biha l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivverifikaw u jieħdu deċiżjoni dwar l-issodisfar ta' dawk il-kriterji, qabel ir-rilaxx jew it-tqegħid fis-suq ta' pjanti tal-NGT jew ta' prodotti tal-NGT. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jkunu oġġettivi u bbażati fuq ix-xjenza. Jenħtieġ li jkopru t-tip u l-firxa ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi li jistgħu jiġu osservati fin-natura jew f'organiżmi miksuba b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali u jenħtieġ li jinkludu limiti kemm għad-daqs kif ukoll għan-numru ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi fil-ġenoma tal-pjanti tal-NGT. Peress li l-għarfien xjentifiku u tekniku jevolvi malajr f'dan il-qasam, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex taġġorna dawn il-kriterji fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku fir-rigward tat-tip u l-firxa ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi li jistgħu jseħħu fin-natura jew permezz tat-tnissil konvenzjonali.

Emenda

(14a) Meta titqies il-kumplessità kbira tal-ġenomi tal-pjanti, il-kriterji biex jitqies li pjanta tal-NGT hija ekwivalenti għal pjanta li tinsab fin-natura jew imnissla b'mod konvenzjonali jenħtieġ li jirriflettu d-diversità tad-daqs ġenomiku tal-pjanti u l-karatteristiċi tagħhom. Il-pjanti

poliplojdi fihom aktar minn żewġ kromożomi omologi. F'dik il-kategoriji ta' pjanti poliplojdi, il-pjanti tetraplojdi, eżaplojdi u ottoplojdi jkollhom erbgħa, sitta u tmien settijiet ta' kromożomi rispettivament. Il-pjanti poliplojdi għandhom it-tendenza li juru numri akbar ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi meta mqabbla mal-pjanti monoplojdi. Għal dawk ir-raġunijiet, kwalunkwe limitu għan-numru totali ta' modifikazzjonijiet individwali għal kull pjanta jenħtieġ li jirrifletti n-numru ta' kromożomi stabbiliti fi pjanta ("plojdija").

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Peress li l-kriterji biex jiġi kkunsidrat li pjanta tal-NGT hija ekwivalenti għal pjanti li jseħħu b'mod naturali jew imnisslin b'mod konvenzjonali ma humiex relatati mat-tip ta' attività li teħtieġ ir-rilaxx intenzjonat tal-pjant tal-NGT, dikjarazzjoni tal-istatus tal-pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 magħmula qabel ir-rilaxx intenzjonat tagħha għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li tkun valida wkoll għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-NGT relatati. Fid-dawl tal-inċertezza kbira li jkun hemm fl-istadju tal-prova fuq il-post dwar jekk il-prodott hux se jasal sas-suq u l-involvement probabbli ta' operaturi iżgħar f'tali rilaxxi, il-proċedura ta' verifika tal-istatus tal-pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 qabel il-provi fuq il-post jenħtieġ li titwettaq mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali peress li dan ikun ta' inqas piż amministrattiv għall-operaturi, u jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni fil-livell tal-Unjoni biss f'każ li jkun hemm kummenti dwar ir-rapport ta' verifika minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra.

Emenda

(18) Peress li l-kriterji biex jiġi kkunsidrat li pjanta tal-NGT hija ekwivalenti għal pjanti li jseħħu b'mod naturali jew imnisslin b'mod konvenzjonali ma humiex relatati mat-tip ta' attività li teħtieġ ir-rilaxx intenzjonat tal-pjanta tal-NGT, dikjarazzjoni tal-istatus tal-pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 magħmula qabel ir-rilaxx intenzjonat tagħha għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li tkun valida wkoll għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-NGT relatati. Fid-dawl tal-inċertezza kbira li jkun hemm fl-istadju tal-prova fuq il-post dwar jekk il-prodott hux se jasal sas-suq u l-involvement probabbli ta' operaturi iżgħar f'tali rilaxxi, il-proċedura ta' verifika tal-istatus tal-pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 qabel il-provi fuq il-post jenħtieġ li titwettaq mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali peress li dan ikun ta' inqas piż amministrattiv għall-operaturi, u jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni fil-livell tal-Unjoni biss f'każ li jkun hemm kummenti dwar ir-rapport ta' verifika minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra.

Meta t-talba għal verifika tiġi sottomessa qabel it-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-NGT, il-proċedura jenħtieġ li titwettag sabiex **fil-livell tal-Unjoni** tiġi żgurata l-effettività tal-proċedura ta' verifika u l-konsistenza tad-dikjarazzjonijiet tal-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1.

Meta t-talba għal verifika tiġi sottomessa qabel it-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-NGT, **u jekk ikun hemm oġġezzjonijiet motivati minn Stati Membri oħra**, il-proċedura jenħtieġ li titwettag **f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-“Awtorità”)** sabiex jiġi żgurati l-effettività tal-proċedura ta' verifika u l-konsistenza tad-dikjarazzjonijiet tal-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) Sabiex jintgħażlu b'mod effettiv varjetajiet ġodda li jgħinu lis-settur agrikolu jżid is-sigurtà tal-ikel, kif ukoll is-sostenibbiltà, l-adattament u r-reżiljenza b'rabta mal-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, huwa meħtieġ li tiġi kkunsidrata l-ispeċifità tal-pjanti poliplojdi, li huma pjanti li fihom aktar minn żewġ ġenomi. Għal tali pjanti, in-numru massimu ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi permess għall-inklużjoni fil-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 jenħtieġ li jkun proporzjonat man-numru ta' ġenomi li jkun fihom.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-“Awtorità”) jenħtieġ li jkunu soġġetti għal skadenzi **stretti** biex jiġi żgurat li d-dikjarazzjonijiet tal-istatus tal-pjanti tal-

(19) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Awtorità jenħtieġ li jkunu soġġetti għal skadenzi **xierqa** biex jiġi żgurat li d-dikjarazzjonijiet tal-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija

NGT tal-kategorija 1 isiru fi żmien raġonevoli.

1 isiru fi żmien raġonevoli.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Id-deċiżjonijiet li jiddikjaraw l-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 jenħtieġ li jassenjaw numru ta' identifikazzjoni lill-pjanta tal-NGT ikkonċernata sabiex jiżguraw it-trasparenza u t-traċċabbiltà ta' tali pjanti meta jiġu elenkati fil-bażi tad-data ***u għall-fini tat-tikkettar tal-materjal riproduttiv tal-pjanti derivat minnhom.***

Emenda

(21) Id-deċiżjonijiet li jiddikjaraw l-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 jenħtieġ li jassenjaw numru ta' identifikazzjoni lill-pjanta tal-NGT ikkonċernata sabiex jiżguraw it-trasparenza u t-traċċabbiltà ta' tali pjanti meta jiġu elenkati fil-bażi tad-data. ***L-informazzjoni elenkata jenħtieġ li tinkludi informazzjoni dwar it-teknika jew it-tekniki użati biex tinkiseb il-karatteristika jew biex jinkisbu l-karatteristiċi.***

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 834/2007⁽⁴⁷⁾ jipprojbixxi l-użu ta' OĠM u prodotti li ġejjin mill-OĠM u permezz tagħhom fil-produzzjoni organika. Dan jiddefinixxi l-OĠM għall-finijiet ta' dak ir-Regolament b'referenza għad-Direttiva 2001/18/KE, filwaqt li jeskludi mill-projbizzjoni l-OĠM li jkunu nkisbu permezz tat-tekniki ta' modifikazzjoni ġenetika elenkati fl-Anness 1.B tad-Direttiva 2001/18/KE. B'riżultat ta' dan, il-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 se jkunu pprojbiti fil-produzzjoni organika. Madankollu, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat l-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 għall-finijiet tal-produzzjoni organika. ***L-***

Emenda

(23) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 834/2007⁽⁴⁷⁾ jipprojbixxi l-użu ta' OĠM u prodotti li ġejjin mill-OĠM u permezz tagħhom fil-produzzjoni organika. Dan jiddefinixxi l-OĠM għall-finijiet ta' dak ir-Regolament b'referenza għad-Direttiva 2001/18/KE, filwaqt li jeskludi mill-projbizzjoni l-OĠM li jkunu nkisbu permezz tat-tekniki ta' modifikazzjoni ġenetika elenkati fl-Anness 1.B tad-Direttiva 2001/18/KE. B'riżultat ta' dan, il-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 se jkunu pprojbiti fil-produzzjoni organika. Madankollu, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat l-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 għall-finijiet tal-produzzjoni organika.

użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda attwalment huwa inkompatibbli mal-kunċett tal-produzzjoni organika fir-Regolament (KE) 2018/848 u l-perċezzjoni tal-konsumaturi tal-prodotti organiċi. Għalhekk, l-użu ta' pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 jenħtieġ li jiġi pprojbit ukoll fil-produzzjoni organika.

⁴⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Jenħtieġ li ssir dispożizzjoni biex tiġi żgurata t-trasparenza fir-rigward tal-użu tal-varjetajiet tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1, biex jiġi żgurat li l-ktajjen tal-produzzjoni li jixtiequ jibqgħu ħielsa mill-NGTs ikunu jistgħu jagħmlu dan u b'hekk tiġi ssalvagwardjata l-fiduċja tal-konsumatur. Il-pjanti tal-NGT li jkunu kisbu dikjarazzjoni tal-istatus ta' pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 jenħtieġ li jiġu elenkati f'bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku. Sabiex jiġu żgurati t-traċċabbiltà, it-trasparenza u l-għażla għall-operaturi, matul ir-riċerka u t-tnissil tal-pjanti, meta tinbiegħ iż-żerriegħa lill-bdiewa jew meta l-materjal riproduttiv tal-pjanti jsir disponibbli għal partijiet terzi bi kwalunkwe mod ieħor, il-materjal riproduttiv tal-pjanti għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 jenħtieġ li jiġi ttikkettat bħala NGT tal-kategorija 1.

Bħalissa, il-kompatibbiltà tal-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda mal-prinċipji tal-produzzjoni organika teħtieġ kunsiderazzjoni ulterjuri. Għalhekk, l-użu ta' pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 jenħtieġ li jiġi pprojbit fil-produzzjoni organika, *sakemm issir tali kunsiderazzjoni ulterjuri.*

⁴⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

Emenda

(24) Jenħtieġ li ssir dispożizzjoni biex tiġi żgurata t-trasparenza fir-rigward tal-użu tal-varjetajiet tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1, biex jiġi żgurat li l-ktajjen tal-produzzjoni li jixtiequ jibqgħu ħielsa mill-NGTs ikunu jistgħu jagħmlu dan u b'hekk tiġi ssalvagwardjata l-fiduċja tal-konsumatur. Il-pjanti tal-NGT li jkunu kisbu dikjarazzjoni tal-istatus ta' pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 jenħtieġ li jiġu elenkati f'bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku *u jinkludu informazzjoni dwar it-teknika jew tekniki użati biex tinkiseb il-karatteristika jew biex jinkisbu l-karatteristiċi.* Sabiex jiġu żgurati t-traċċabbiltà, it-trasparenza u l-għażla għall-operaturi, matul ir-riċerka u t-tnissil tal-pjanti, meta tinbiegħ iż-żerriegħa lill-bdiewa jew meta l-materjal riproduttiv tal-pjanti jsir disponibbli għal partijiet terzi bi kwalunkwe mod ieħor, il-materjal riproduttiv tal-pjanti għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 jenħtieġ li jiġi ttikkettat

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Id-Direttiva 2001/18/KE tirrikjedi pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali tal-OĠM wara r-rilaxx intenzjonat jew it-tqegħid tagħhom fis-suq iżda tipprevedi flessibbiltà fir-rigward tat-tfassil tal-pjan filwaqt li tqis il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali, il-karatteristiċi tal-OĠM, l-użu mistenni tiegħu u tal-ambjent li jirċevih. Il-modifikazzjonijiet ġenetiċi fil-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 jistgħu jvarjaw minn bidliet li jeħtieġu biss valutazzjoni tar-riskju limitata għal alterazzjonijiet kumplessi li jeħtieġu analiżi aktar bir-reqqa tar-riskji potenzjali. Għalhekk, ir-reqwiżiti ta' monitoraġġ wara t-tqegħid fis-suq għall-effetti ambjentali tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 jenħtieġ li jiġu adattati fid-dawl tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali u l-esperjenza fil-provi fuq il-post, il-karatteristiċi tal-pjanta tal-NGT ikkonċernata, il-karatteristiċi u l-iskala tal-użu mistenni tagħha, b'mod partikolari kwalunkwe storja ta' użu sikur tal-pjanta u l-karatteristiċi tal-ambjent li jirċievi. **Għalhekk**, jenħtieġ li **ma jkunx** meħtieġ pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali **jekk il-pjanta tal-NGT tal-kategorija 2 x'aktarx** li ma toħloqx riskji li jeħtieġu monitoraġġ, bħal effetti indiretti, ittardjati jew mhux previsti fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent.

Emenda

(29) Id-Direttiva 2001/18/KE tirrikjedi pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali tal-OĠM wara r-rilaxx intenzjonat jew it-tqegħid tagħhom fis-suq iżda tipprevedi flessibbiltà fir-rigward tat-tfassil tal-pjan filwaqt li tqis il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali, il-karatteristiċi tal-OĠM, l-użu mistenni tiegħu u tal-ambjent li jirċevih. Il-modifikazzjonijiet ġenetiċi fil-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 jistgħu jvarjaw minn bidliet li jeħtieġu biss valutazzjoni tar-riskju limitata għal alterazzjonijiet kumplessi li jeħtieġu analiżi aktar bir-reqqa tar-riskji potenzjali. Għalhekk, ir-reqwiżiti ta' monitoraġġ wara t-tqegħid fis-suq għall-effetti ambjentali tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 jenħtieġ li jiġu adattati fid-dawl tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali u l-esperjenza fil-provi fuq il-post, il-karatteristiċi tal-pjanta tal-NGT ikkonċernata, il-karatteristiċi u l-iskala tal-użu mistenni tagħha, b'mod partikolari kwalunkwe storja ta' użu sikur tal-pjanta u l-karatteristiċi tal-ambjent li jirċievi. **Fid-dawl tal-prinċipju ta' prekawzjoni**, jenħtieġ li **dejjem ikun** meħtieġ pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali **meta jingħata l-kunsens għall-ewwel darba**. **jenħtieġ li r-reqwiżit għall-monitoraġġ ikun jista' jitneħħa biss mat-tiġdid tal-kunsens, dment li jkun intwera li l-pjanta tal-NGT tal-kategorija 2** ma toħloqx riskji li jeħtieġu monitoraġġ, bħal effetti indiretti, ittardjati jew mhux previsti fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent.

Emenda 18

**Proposta għal regolament
Premessa 36**

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Il-pjanti li jittolleraw l-erbiċidi jġu mmissla biex intenzjonalment jittolleraw l-erbiċidi, sabiex jġu kkultivati flimkien mal-użu ta' daww l-erbiċidi. Jekk tali kultivazzjoni ma ssirx taħt kundizzjonijiet xierqa, tista' twassal għall-iżvilupp ta' ħaxix ħażin reżistenti għal daww l-erbiċidi jew għall-ħtieġa li jiżdiedu l-kwantitajiet ta' erbiċidi applikati, irrispettivament mit-teknika tat-tnissil. Għal din ir-raġuni, il-pjanti tal-NGT li juru karatteristiċi tolleranti għall-erbiċidi jenħtieġ li ma ***jkunux eliġibbli għall-inċentivi skont dan il-qafas. Madankollu, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jiħux miżuri speċifiċi oħra dwar il-pjanti tal-NGT li jittolleraw l-erbiċidi, minħabba li tali miżuri jittieħdu b'mod orizzontali fil-[Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni].***

Emenda 19

**Proposta għal regolament
Premessa 37**

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Sabiex il-pjanti tal-NGT ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-obiettivi tas-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt" u għall-Bijodiversità, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata l-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT fl-Unjoni. Dan jeħtieġ prevedibbiltà għan-nissliela u għall-bdiewa fir-rigward tal-possibbiltà li jikkultivaw tali pjanti fl-Unjoni. Għalhekk, ***il-possibbiltà*** li l-Istati Membri jadottaw miżuri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 fit-territorju kollu tagħhom

Emenda

(36) Il-pjanti li jittolleraw l-erbiċidi jġu mmissla biex intenzjonalment jittolleraw l-erbiċidi, sabiex jġu kkultivati flimkien mal-użu ta' daww l-erbiċidi. Jekk tali kultivazzjoni ma ssirx taħt kundizzjonijiet xierqa, tista' twassal għall-iżvilupp ta' ħaxix ħażin reżistenti għal daww l-erbiċidi jew għall-ħtieġa li jiżdiedu l-kwantitajiet ta' erbiċidi applikati, irrispettivament mit-teknika tat-tnissil. Għal din ir-raġuni, il-pjanti tal-NGT li juru karatteristiċi tolleranti għall-erbiċidi jenħtieġ li ma ***jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1.***

Emenda

(37) Sabiex il-pjanti tal-NGT ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-obiettivi tas-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt" u dwar il-Bijodiversità, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata l-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT fl-Unjoni. Dan jeħtieġ prevedibbiltà għan-nissliela u għall-bdiewa fir-rigward tal-possibbiltà li jikkultivaw tali pjanti fl-Unjoni. Għalhekk, ***jenħtieġ li ma jkunx possibbli*** li l-Istati Membri jadottaw miżuri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 fit-territorju kollu

jew f'parti minnu, *stabbilita* fl-Artikolu 26b tad-Direttiva 2001/18/KE *timmina* dawk l-għanijiet.

tagħhom jew f'parti minnu, *kif stabbilit* fl-Artikolu 26b tad-Direttiva 2001/18/KE, *peress li dan jimmina* dawk l-għanijiet.

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) Sabiex jintlaħaq l-għan li jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tas-suq intern, *il-pjanti* tal-NGT u *l-prodotti relatati* jenħtieġ li *jibbenefikaw mill-moviment liberu tal-merkanzija, dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti oħra tad-dritt* tal-Unjoni.

Emenda

(39) Sabiex jintlaħaq l-għan li jiġu żgurati l-funzjonament effettiv tas-suq intern *u l-moviment liberu tal-pjanti* tal-NGT u *l-prodotti tal-NGT madwar l-Unjoni, ir-rilaxx intenzjonat ta' pjanti tal-NGT u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-NGT* jenħtieġ li *jkunu bbażati fuq ir-rekwiżiti u l-proċeduri armonizzati stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'tali mod li dan iwassal għall-adozzjoni ta' deċiżjoni applikabbli b'mod uniformi għall-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jidderogawx unilateralmment mid-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament b'mod li jirrestrinġi, jipprojbixxi jew ifixkel il-moviment liberu, it-tqegħid fis-suq u r-rilaxx intenzjonat ta' pjanti tal-NGT jew ta' prodotti tal-NGT fit-territorju* tal-Unjoni.

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

(40) Minħabba *n-novità tal-NGTs, se jkun importanti li jiġu mmonitorjati mill-qrib* l-iżvilupp *u l-preżenza fis-suq tal-pjanti u tal-prodotti tal-NGT u li jiġi evalwat kwalunkwe impatt akkumpanjanti fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, fuq l-ambjent u fuq is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali. L-informazzjoni* jenħtieġ li *tinġabar*

Emenda

(40) Minħabba l-iżvilupp *kontinwu ta' tekniki ġenomiċi ġodda*, jenħtieġ li *l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni* fi żmien ħames snin wara l-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni li tippermetti r-rilaxx intenzjonat jew it-tqegħid fis-suq ta' pjanti tal-NGT jew ta' prodotti tal-NGT fl-Unjoni. *Dik l-evalwazzjoni jenħtieġ li tkejjel il-progress li jkun sar lejn id-*

regolarment u fi żmien 5 snin wara l-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni li tippermetti r-rilaxx intenzjonat jew it-tqegħid fis-suq ta' pjanti tal-NGT jew ta' prodotti tal-NGT fl-Unjoni, **jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament biex** tkejjel il-progress li jkun sar lejn id-disponibbiltà ta' pjanti tal-NGT li fihom tali karatteristiċi jew proprjetajiet fis-suq tal-UE.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni

(43) It-tipi ta' pjanti tal-NGT żviluppatti u l-impatt ta' ċerti karatteristiċi fuq is-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika jevolvu kontinwament. Għalhekk, abbażi tal-evidenza disponibbli ta' tali żviluppi u impatti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tadatta l-lista ta' karatteristiċi li jenħtieġ li jiġu inċentivati jew skoraġġuti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima."

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 45a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

disponibbiltà ta' pjanti tal-NGT **jew prodotti tal-NGT** li fihom tali karatteristiċi jew proprjetajiet fis-suq tal-UE, **bl-għan li tkompli ttejjeb dan ir-Regolament.**

Emenda

(43) It-tipi ta' pjanti tal-NGT żviluppatti u l-impatt ta' ċerti karatteristiċi fuq is-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika jevolvu kontinwament. Għalhekk, abbażi tal-evidenza disponibbli ta' tali żviluppi u impatti, **u filwaqt li tqis bis-sħiħ il-prinċipju ta' prekawzjoni**, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tadatta l-lista ta' karatteristiċi li jenħtieġ li jiġu inċentivati jew skoraġġuti biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt", dwar il-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima."

żgurat li n-nissjela jkollhom aċċess sħiħ għall-materjal ġenetiku tal-pjanti tal-NGT, li skont id-definizzjoni ma humiex pjanti transġeniċi. L-aċċess għall-materjal ġenetiku jista' jiġi żgurat bl-aħjar mod meta d-dritt tad-detenturi tal-privattivi jiġi eżawrit f'idejn in-nissiel (eżenzjoni tan-nissiel). Peress li d-dispożizzjonijiet attwali fil-liġi dwar il-privattivi ma jipprevedux eżenzjoni sħiħa tan-nissiel, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-privattivi ma jirrestrinġux l-użu tal-pjanti tal-NGT min-nissjela u l-bdiewa. Għalhekk, il-pjanti tal-NGT jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal leġiżlazzjoni dwar il-privattivi, iżda jenħtieġ li għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali jkunu soġġetti biss għas-sistema ta' Drittijiet ta' Varjetajiet ta' Pjanti fil-Komunità (CPVR), kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94, li jippermetti l-użu tal-eżenzjoni tan-nissiel. Għalhekk, il-pjanti tal-NGT, iż-żerriegħa dderivata minnhom, il-materjal tal-pjanti tagħhom, il-materjal ġenetiku assoċjat bħall-ġeni u s-sekwenzi tal-ġeni, u l-karatteristiċi tal-pjanti jenħtieġ li jiġu esklużi mill-jedd għall-privattiva. L-esklużjoni mill-jedd għall-privattiva jenħtieġ li tiġi applikata b'mod konsistenti fil-leġiżlazzjoni kollha. Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat li jingħataw privattivi jew jiġu sottomessi applikazzjonijiet għal privattivi bejn id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-materjal tal-pjanti jiġi eskluż mill-jedd għall-privattiva mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għal privattivi diġà mogħtija jew applikazzjonijiet pendenti għal privattivi li jkopru materjal tal-pjanti, l-effetti tal-privattivi jenħtieġ li jiġu limitati aktar. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta u tindirizza, fl-istudju li jmiss, kif jenħtieġ li tiġi indirizzata aktar il-problema usa' tal-privattivi li qed jingħataw, direttament jew indirettament, dwar il-materjal tal-pjanti

minkejja l-isforzi preċedenti biex jingħalqu l-lakuni. Il-valutazzjoni jenħtieġ li tindirizza b'mod partikolari r-rwol u l-impatt tal-privattivi fuq l-aċċess tan-nissiela u l-bdiewa għall-materjal riproduttiv tal-pjanti, id-diversità taż-żrieragħ u l-prezzijiet affordabbli, kif ukoll fuq l-innovazzjoni u b'mod partikolari fuq l-opportunitajiet għall-SMEs. Ir-rapport tal-Kummissjoni jenħtieġ li jkun akkumpanjat mill-proposti leġiżlattivi xierqa sabiex jiġi żgurat li jsiru l-aġġustamenti ulterjuri meħtieġa fil-qafas tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Emenda 24
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi għar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq ta' pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda (“pjanti tal-NGT”) u għat-tqegħid fis-suq ta' ikel u għalf li fihom, li jikkonsistu minn jew li huma prodotti minn tali pjanti, u ta' prodotti, għajr ikel jew għalf, li fihom jew li jikkonsistu minn tali pjanti.

Emenda 25
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) “pjanta tal-NGT” tfisser pjanta ġenetikament modifikata miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, bil-kundizzjoni li ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni **tan-**

Emenda

Dan ir-Regolament, **f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni**, jistabbilixxi regoli speċifiċi għar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq ta' pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda (“pjanti tal-NGT”) u għat-tqegħid fis-suq ta' ikel u għalf li fihom, li jikkonsistu minn jew li huma prodotti minn tali pjanti, u ta' prodotti, għajr ikel jew għalf, li fihom jew li jikkonsistu minn tali pjanti, **li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-animali, u tal-ambjent.**

Emenda

(2) “pjanta tal-NGT” tfisser pjanta ġenetikament modifikata miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, bil-kundizzjoni li ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni **għal**

nissiela li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT;

finijiet ta' tnissil konvenzjonali li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT;

Emenda 26

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) “mutaġenesi mmirata” tfisser tekniki ta' mutaġenesi li jirriżultaw f' modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f' postijiet *preċiżi* fil-ġenoma ta' organiżmu;

Emenda

(4) “mutaġenesi mmirata” tfisser tekniki ta' mutaġenesi li jirriżultaw f' modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f' postijiet *immirati* fil-ġenoma ta' organiżmu;

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) “ġabra tal-ġeni *tan-nissiela*” tfisser l-informazzjoni ġenetika totali disponibbli fi speċi waħda u fi speċijiet tassonomiċi oħra li magħhom tista' tkun ikkollata b' mod trasversali, *inkluż* bl-użu ta' tekniki avvanzati bħas-salvataġġ tal-embrijuni, il-poliploidija indotta u l-inkroċjar li jgħaqqad;

Emenda

(6) “ġabra tal-ġeni *għal finijiet ta' tnissil konvenzjonali*” tfisser l-informazzjoni ġenetika totali disponibbli fi speċi waħda u fi speċijiet tassonomiċi oħra li magħhom tista' tkun ikkollata b' mod trasversali, bl-użu ta' tekniki avvanzati bħas-salvataġġ tal-embrijuni, il-poliploidija indotta u l-inkroċjar li jgħaqqad;

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) “Approċċ Saħħa Waħda” tfisser approċċ integrat, li jgħaqqad li għandu l-għan li jibbilanċja b' mod sostenibbli u jottimizza s-saħħa tan-nies, tal-annimali, tal-pjanti u tal-ekosistemi filwaqt li jirrikonoxxi li s-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali domestiċi u selvaġġi, tal-pjanti u tal-ambjent usa', inklużi l-ekosistemi, huma interkonnessi mill-qrib u

interdependenti;

Emenda 29
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15b) “Proteina kimerika” tfisser proteini maħluqa permezz tat-tgħaqqid ta’ żewġ ġeni jew aktar jew partijiet ta’ ġeni li oriġinarjament jkunu kkodifikaw għal proteini separati.

Emenda 30
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) hija n-nisel ta’ pjanta/i msemmija fil-punt (a); jew

(b) hija n-nisel tal-pjanta/i msemmija fil-punt (a) ***bil-kundizzjoni li l-kriterji ta’ ekwivalenza stabbiliti fl-Anness 1 ikunu għadhom issodisfati***; jew

Emenda 31
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) il-pjanta hija pjanta tal-NGT tal-kategorija 2 u ġiet awtorizzata f’konformità mal-Kapitolu III.

(2) il-pjanta hija pjanta tal-NGT tal-kategorija 2, u ***ngħatat il-kunsens jew*** ġiet awtorizzata f’konformità mal-Kapitolu III.

Emenda 32
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-implimentazzjoni, l-infurzar u l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament ma għandux ikollhom l-oġġettiv jew l-effett li

jipprevjenu jew jimpedixxu l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta' pjanti u prodotti tal-NGT li jissodisfaw l-istess standards bħal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda 33
Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 4a

Esklużjoni mill-jedd għall-privattiva
Il-pjanti tal-NGT, il-materjal tal-pjanti, partijiet minnhom, l-informazzjoni ġenetika u l-karatteristiċi tal-proċess li jkun fihom ma għandhomx ikunu jistgħu jingħataw privattiva.

Emenda 34
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-regoli stabbiliti ***fl-Artikoli 5(f)(iii) u 11*** tiegħu għandhom japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 u għall-prodotti prodotti minn jew permezz ta' tali pjanti.

2. Għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-regoli stabbiliti ***fl-Artikolu 5(f), il-punt (iii) u l-Artikolu 11*** tiegħu għandhom japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 u għall-prodotti prodotti minn jew permezz ta' tali pjanti. ***[7 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-evoluzzjoni tal-perċezzjoni tal-konsumaturi u tal-produtturi, akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġiżlattiva.***

Emenda 35
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom **għall-progress xjentifiku** u **teknoloġiku** fir-rigward tat-tipi u l-firxa ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.

Emenda 36
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 37
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sabiex tikseb id-dikjarazzjoni tal-istatus ta' pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), qabel ma twettaq rilaxx intenzjonat ta' pjanta tal-NGT għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq, il-persuna li jkollha l-ħsieb li twettaq ir-rilaxx intenzjonat għandha tippreżenta talba biex tivverifika jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati (“talba għall-

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I, **filwaqt li tqis ir-riskji potenzjali assoċjati u l-konsegwenzi funzjonali tal-proċedura ta' verifika** sabiex tadattahom **għall-iżviluppi xjentifiċi** u **teknoloġiċi l-aktar riċenti** fir-rigward tat-tipi u l-firxa ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.

Emenda

3a. Il-preżenza aċċidentali jew teknikament inevitabbli ta' pjanti tal-NGT tal-kategorija 1, materjal riproduttiv jew partijiet minnhom fil-produzzjoni organika, jew fi prodotti mhux organiċi awtorizzati fil-produzzjoni organika f'konformità mal-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament (UE) 2018/848, ma għandhiex tikkostitwixxi nuqqas ta' konformità ma' dak ir-Regolament.

Emenda

1. Sabiex tikseb id-dikjarazzjoni tal-istatus ta' pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), qabel ma twettaq rilaxx intenzjonat ta' pjanta tal-NGT għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq, il-persuna li jkollha l-ħsieb li twettaq ir-rilaxx intenzjonat għandha tippreżenta talba biex tivverifika jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I, **mill-inqas waħda mill-**

verifika”) lill-awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandu jsir ir-rilaxx f’konformità mal-paragrafi 2 u 3 u mal-att **ta’ implimentazzjoni** adottat f’konformità mal-Artikolu 27, il-punt (b).

karatteristiċi msemmija fl-Anness III, il-Parti I, u l-kriterji ta’ esklużjoni fl-Anness III, il-Parti 2, humiex issodisfati (“talba għall-verifika”). **Dik it-talba għall-verifika għandha tiġi sottomessa** lill-awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandu jsir ir-rilaxx f’konformità mal-paragrafi 2 u 3 u mal-att **delegat** adottat f’konformità mal-Artikolu 6(11a), il-punt (b).

Emenda 38
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) deskrizzjoni tal-karatteristiċi li ġew introdotti jew modifikati;

Emenda

(c) deskrizzjoni tal-karatteristiċi li ġew introdotti jew modifikati, **inkluża informazzjoni dwar it-teknika użata jew it-tekniki użati biex tinkiseb il-karatteristika jew jinkisbu l-karatteristiċi u inkluż żvelar tas-sekwenza tal-modifikazzjoni ġenetika;**

Emenda 39
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) il-pjanta hija pjanta tal-NGT, inkluż li ma fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni **tan-nissjela** fejn tali materjal ġenetiku jkun iddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta, f’konformità mar-rekwiżiti tal-informazzjoni speċifikati fl-att **ta’ implimentazzjoni** adottat f’konformità mal-Artikolu 27, il-punt (a);

Emenda

(i) il-pjanta hija pjanta tal-NGT, inkluż li ma fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni **għal finijiet ta’ tnissil konvenzjonali** fejn tali materjal ġenetiku jkun iddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta, f’konformità mar-rekwiżiti tal-informazzjoni speċifikati fl-att **delegat** adottat f’konformità mal-Artikolu 6(11a), il-punt (a);

Emenda 40
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) il-pjanta tal-NGT tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I;

Emenda 41
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 42
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Jekk it-talba għall-verifika ma titqiesx inammissibbli f'konformità mal-paragrafu 5, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika jekk il-pjanta tal-NGT tissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Anness I u tħejji rapport ta' verifika fi żmien 30 jum tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' talba għall-verifika. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel ir-rapport ta' verifika disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed.

Emenda 43
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. L-Istati Membri l-oħra u l-

Emenda

(ii) il-pjanta tal-NGT tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I, **mill-inqas waħda mill-karatteristiċi fl-Anness III, il-Parti 1 u l-kriterji ta' esklużjoni tal-Anness III, il-Parti 2;**

Emenda

(da) id-denominazzjoni tal-varjetà;

Emenda

6. Jekk it-talba għall-verifika ma titqiesx inammissibbli f'konformità mal-paragrafu 5, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika jekk il-pjanta tal-NGT tissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Anness I u tħejji rapport ta' verifika fi żmien 30 jum tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' talba għall-verifika. **L-awtorità kompetenti tista', meta jkun xieraq, tikkonsulta mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (“EFSA”) waqt it-tħejjija tar-rapport ta' verifika.** L-awtorità kompetenti għandha tagħmel ir-rapport ta' verifika disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed.

Kummissjoni jistgħu **jikkummentaw** dwar ir-rapport ta' verifika fi żmien 20 jum mid-data tal-wasla ta' dak ir-rapport.

Kummissjoni jistgħu **jressqu oġġezzjonijiet motivati** dwar ir-rapport ta' verifika, **fir-rigward tal-ilħuq tal-kriterji stabbiliti fl-Anness I**, fi żmien 20 jum mid-data tal-wasla ta' dak ir-rapport. **Tali oġġezzjonijiet motivati għandhom jirreferu biss għall-kriterji stabbiliti fl-Anness I u fl-Anness II u għandhom jinkludu ġustifikazzjoni xjentifika.**

Emenda 44
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Fin-nuqqas ta' **kummenti** minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni, fi żmien 10 jiem tax-xogħol mill-iskadenza msemija fil-paragrafu 7, l-awtorità kompetenti li tkun ħejjiet ir-rapport ta' verifika għandha tadotta deċiżjoni li tiddikjara jekk l-pjanta tal-NGT hijiex pjanta tal-NGT tal-kategorija 1. Għandha tibgħat id-deċiżjoni mingħajr dewmien żejjed lil min jagħmel it-talba, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

Emenda 45
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. F'każijiet fejn **isir kumment** minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni sal-iskadenza msemija fil-paragrafu 7, l-awtorità kompetenti li tkun ħejjiet ir-rapport ta' verifika għandha **tibgħat il-kumment(i) lill-Kummissjoni** mingħajr dewmien żejjed.

Emenda 46

Emenda

8. Fin-nuqqas ta' **oġġezzjonijiet motivati** minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni, fi żmien 10 jiem tax-xogħol mill-iskadenza msemija fil-paragrafu 7, l-awtorità kompetenti li tkun ħejjiet ir-rapport ta' verifika għandha tadotta deċiżjoni li tiddikjara jekk l-pjanta tal-NGT hijiex pjanta tal-NGT tal-kategorija 1. Għandha tibgħat id-deċiżjoni mingħajr dewmien żejjed lil min jagħmel it-talba, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

Emenda

9. F'każijiet fejn **issir oġġezzjoni motivata** minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni sal-iskadenza msemija fil-paragrafu 7, l-awtorità kompetenti li tkun ħejjiet ir-rapport ta' verifika għandha **tagħmel l-oġġezzjonijiet motivati pubblikament disponibbli** mingħajr dewmien żejjed.

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. Il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat lill-Awtorità **Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-“Awtorità”)**, għandha tħejji abbozz ta’ deċiżjoni li tiddikjara jekk il-pjanta tal-NGT hijiex pjanta tal-kategorija 1 tal-NGT fi żmien 45 jum tax-xogħol mid-data li fiha tirċievi ***l-kumment(i)***, filwaqt li tqis dawn tal-aħħar. Id-deċiżjoni għandha tiġi adottata f’konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 28(2).

Emenda 47
Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 48
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 49
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c

Emenda

10. Il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat lill-Awtorità, għandha tħejji abbozz ta’ deċiżjoni li tiddikjara jekk il-pjanta tal-NGT hijiex pjanta tal-kategorija 1 tal-NGT fi żmien 45 jum tax-xogħol mid-data li fiha tirċievi ***l-oġġezzjonijiet motivati***, filwaqt li tqis dawn tal-aħħar. Id-deċiżjoni għandha tiġi adottata f’konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 28(2).

Emenda

11a. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, f’konformità mal-Artikolu 26, li jissupplimentaw dan ir-Regolament dwar:

- (a) l-informazzjoni meħtieġa biex jintwera li pjanta hija pjanta tal-NGT;**
- (b) it-tħejjija u l-preżentazzjoni tat-talbiet għall-verifika msemmija fl-Artikoli 6 u 7.**

- (ba) id-denominazzjoni tal-varjetà;**

Test propost mill-Kummissjoni

(c) deskrizzjoni tal-karattersitiċi li ġew introdotti jew modifikati;

Emenda

(c) deskrizzjoni tal-karatteristiċi li ġew introdotti jew modifikati, ***inkluża informazzjoni dwar it-teknika użata jew it-tekniki użati biex tinkiseb il-karatteristika jew jinkisbu l-karatteristiċi u inkluż żvelar tas-sekwenza tal-modifikazzjoni ġenetika;***

Emenda 50
Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-Kummissjoni għandha tippubblika ***sommarju tad-deċiżjoni*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

7. Il-Kummissjoni għandha tippubblika ***d-deċiżjoni finali*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***u għandha tippubblika, f'paġna web iddedikata u disponibbli għall-pubbliku, l-abbozz ta' deċiżjoni tagħha u l-oġġezzjonijiet motivati msemmija fl-Artikolu 6.***

Emenda 51
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) id-deżinjazzjoni tal-pjanta tal-NGT tal-kategorija 1;

Emenda

(b) id-deżinjazzjoni ***u l-ispeċifikazzjoni*** tal-pjanta tal-NGT tal-kategorija 1;

Emenda 52
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) id-denominazzjoni tal-varjetà;

Emenda 53
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) jekk tkun ġiet mogħtija, l-opinjoni jew id-dikjarazzjoni tal-EFSA, kif imsemmija fl-Artikolu 6(10) u l-Artikolu 7(5); kif ukoll

Emenda 54
Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-bażi tad-data għandha tkun disponibbli pubblikament.

2. Il-bażi tad-data għandha tkun disponibbli pubblikament, ***u f'format online.***

Emenda 55
Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-materjal riproduttiv tal-pjanti, inkluż għal finijiet ta' tnissil u għal finijiet xjentifiċi, li fih jew jikkonsisti minn pjanta/i tal-NGT tal-kategorija 1 u li jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' partijiet terzi, kemm jekk bi hłas kif ukoll jekk mingħajr hłas, għandu jkollu tikketta li ***tindikaw il-kliem*** “NGT kat 1”, segwit min-numru ta' identifikazzjoni tal-pjanta/i tal-NGT li minnha/minnhom ikun ġie derivat.

Il-materjal riproduttiv tal-pjanti, inkluż għal finijiet ta' tnissil u għal finijiet xjentifiċi, li fih jew jikkonsisti minn pjanta/i tal-NGT tal-kategorija 1 u li jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' partijiet terzi, kemm jekk bi hłas kif ukoll jekk mingħajr hłas, għandu jkollu tikketta ***u referenza għal regjistru tal-varjetajiet ittrasferita b'mod awtomatiku lir-regjistru komuni tal-UE li jindikaw il-kliem*** “NGT kat 1”, segwit min-numru ta' identifikazzjoni tal-pjanta/i tal-NGT li minnha/minnhom ikun ġie derivat.

Emenda 56
Proposta għal regolament
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 16

imħassar

Tikkettar f'konformità mal-Artikolu 23
Minbarra l-Artikolu 19(3) tad-Direttiva
2001/18/KE, il-kunsens bil-miktub
għandu jispeċifika t-tikkettar f'konformità
mal-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-inċentivi f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 u għall-prodotti tal-NGT tal-kategorija 2, fejn mill-inqas waħda mill-karatteristiċi intenzjonati tal-pjanta tal-NGT ipprovduti mill-modifikazzjoni ġenetika tkun tinsab **fil-Parti 1 tal-Anness III** u ma jkollha l-ebda karatteristika msemmija fil-Parti 2 ta' dak l-Anness.

Emenda

1. L-inċentivi f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 u għall-prodotti tal-NGT tal-kategorija 2, fejn mill-inqas waħda mill-karatteristiċi intenzjonati tal-pjanta tal-NGT ipprovduti mill-modifikazzjoni ġenetika tkun tinsab **fl-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE/...)*** u ma jkollha l-ebda karatteristika msemmija fil-Parti 2 ta' dak l-Anness.

***Proposta tal-Kummissjoni għal
Regolament dwar il-materjal riproduttiv
tal-pjanti (COM/2023/414), (2023/0227
(COD)).**

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 24

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri **għandhom** jieħdu miżuri xierqa biex jevitaw il-preżenza mhux intenzjonata tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 fi prodotti mhux soġġetti għad-Direttiva 2001/18 jew għar-Regolament 1829/2003.

Emenda

L-Istati Membri **jistgħu** jieħdu miżuri xierqa biex jevitaw il-preżenza mhux intenzjonata tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 fi prodotti mhux soġġetti għad-Direttiva 2001/18 jew għar-Regolament 1829/2003, **biss fil-każ li jkun jistgħu jinstabu, jiġu identifikati u kwantifikati pjanti tal-NGT tal-kategorija**

2 permezz ta' metodu analitiku. Dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 u għall-prodotti tal-NGT tal-kategorija 1.

Emenda 59
Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemija fl-Artikolu 5(5) u l-Artikolu 22(8) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mid-[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Emenda 60
Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 5(3) u l-Artikolu 22(8) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda

2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemija fl-Artikolu 5(5), ***l-Artikolu 6(11a)*** u l-Artikolu 22(8) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mid-[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Emenda

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 5(3), ***l-Artikolu 6(11a)*** u l-Artikolu 22(8) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda 61
Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(3) u l-Artikolu 22(8) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(3), ***l-Artikolu 6(11a)*** u l-Artikolu 22(8) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 62
Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-informazzjoni meħtieġa biex jintwera li pjanta hija pjanta tal-NGT;

Emenda

imħassar

Emenda 63
Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) it-tnejn u l-preżentazzjoni tat-talbiet għall-verifika msemmija fl-Artikoli 6 u 7;

Emenda

imħassar

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Ir-rapport għandu jindirizza wkoll kwalunkwe kwistjoni **etika** li **tkun irriżultat** mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda

2. Ir-rapport għandu **jidentifika u** jindirizza wkoll kwalunkwe kwistjoni **fir-rigward tal-bijodiversità u s-saħħa tal-ambjent, tal-bniedem u tal-annimali, bidliet fil-prattiki agronomiċi kif ukoll kwistjonijiet etiċi** li **jistgħu jkunu irriżultaw** mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 65

**Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Għall-fini tar-rapportar imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha tistabbilixxi, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri f'konformità mad-Direttiva 2001/18/KE u mar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, programm dettaljat għall-monitoraġġ, ibbażat fuq indikaturi, tal-impatt ta' dan ir-Regolament. Dan għandu jispeċifika l-azzjoni li għandha tittieħed mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri fil-ġbir u fl-analiżi tad-data u ta' evidenza oħra.

Emenda

3. Għall-fini tar-rapportar imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandha tistabbilixxi, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri f'konformità mad-Direttiva 2001/18/KE u mar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, programm dettaljat għall-monitoraġġ, ibbażat fuq indikaturi, tal-impatt ta' dan ir-Regolament, **inklużi l-effetti intenzjonati u mhux intenzjonati u l-effetti sistematiki fuq l-ambjent, il-bijodiversità u l-ekosistemi**. Dan għandu jispeċifika l-azzjoni li għandha tittieħed mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri fil-ġbir u fl-analiżi tad-data u ta' evidenza oħra.

Emenda 66

**Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 5a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Sa Ġunju 2025, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u

lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-rwol u l-impatt tal-privattivi fuq l-aċċess tan-nissiela u l-bdiewa għal materjal riproduttiv tal-pjanti varjat, kif ukoll dwar l-innovazzjoni u b'mod partikolari dwar l-opportunitajiet għall-SMEs. Ir-rapport għandu jivvaluta jekk humiex meħtieġa dispożizzjonijiet legali ulterjuri minbarra dawk previsti fl-Artikolu 4a u l-Artikolu 33a ta' dan ir-Regolament. Meta jkun xieraq biex jiġi żgurat l-aċċess tan-nissiela u l-bdiewa għal materjal riproduttiv tal-pjanti, id-diversità taż-żrieragħ u prezzijiet raġenevoli, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva biex jindirizza aġġustamenti meħtieġa ulterjuri fil-qafas tal-proprjetà intellettuali.

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5b. Sal-2024, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, li jevalwa l-ispeċifitajiet u l-ħtiġijiet għal setturi oħrajn mhux koperti f'din il-leġiżlazzjoni, bħall-mikroorganiżmi, inkluża proposta għal azzjoni politika ulterjuri.

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5c. Kull erba' snin, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-kriterji ta' ekwivalenza stabbiliti fl-Anness I u, jekk ikun meħtieġ, taġġornahom permezz ta'

att delegat kif imsemmi fl-Artikolu 5(3).

Emenda 69
Proposta għal regolament
Artikolu 33a (ġdid)
Direttiva 98/44/KE
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 33a

Emendi għad-Direttiva 98/44/KE^{1a}

1. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 98/44/KE dwar il-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“(c) Il-pjanti tal-NGT, il-materjal tal-pjanti, partijiet minnhom, l-informazzjoni ġenetika u l-karatteristiċi tal-proċess li jkun fihom, kif definit fir-Regolament (UE) .../... [ĠU jekk jogħġbok daħħal in-numru ta’ dan ir-Regolament];

(d) il-pjanti tal-NGT, il-materjal tal-pjanti, partijiet minnhom, l-informazzjoni ġenetika u l-karatteristiċi tal-proċess li jistgħu jinkisbu b’tekniki esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2001/18/KE kif elenkat fl-Anness 1B ta’ dik id-Direttiva.”

(b) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

“4. Il-paragrafi 2 u 3 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-esklużjonijiet mill-jedd għall-privattiva koperti mill-paragrafu 1.”

^{1a} Id-Direttiva 98/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Lulju 1998 dwar il-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi (ĠU L 213, 30.7.1998, p. 13).

Emenda 70
Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Għandu japplika minn [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda

Għandu japplika minn [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***L-Artikolu 4a u l-Artikolu 33a għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ.***

Emenda 71
Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Pjanta tal-NGT titqies ekwivalenti għal pjanti konvenzjonali ***meta tkun differenti mill-pjanta riċevitriċi/ġenitur b'mhux aktar minn 20 modifika ġenetika tat-tipi msemmija fil-punti 1 sa 5, fi kwalunkwe similarità tas-sekwenza tal-kondiviżjoni tas-sekwenza tad-DNA mas-sit fil-mira li tista' tiġi mbassra minn għodod bijoinformatiċi.***

Emenda

Pjanta tal-NGT titqies ekwivalenti għal pjanti konvenzjonali ***jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin*** imsemmija fil-punti 1 u 1a:

Emenda 72
Proposta għal regolament
Anness I – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) is-sostituzzjoni jew l-inserzjoni ta' mhux aktar minn 20 nukleotid;

Emenda

(1) ***In-numru tal-modifikazzjonijiet ġenetiċi li ġejjin, li jistgħu jiġu kkombinati ma' xulxin, ma jaqbiżx tlieta għal kwalunkwe sekwenza ta' kodifikazzjoni tal-proteina filwaqt li jitqies li l-mutazzjonijiet fl-introni u s-sekwenzi regolatorji huma esklużi minn dan il-limitu:***

(a) is-sostituzzjoni jew l-inserzjoni ta' mhux aktar minn 20 nukleotid;

(b) ***it-tħassir ta' kwalunkwe numru ta' nukleotidi;***

Emenda 73
Proposta għal regolament
Anness I – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Il-modifikazzjonijiet ġenetiċi li ġejjin, li jistgħu jiġu kkombinati ma' xulxin, ma jgħallqux proteina kimerika li ma tkunx preżenti fl-ispeċijiet mill-ġabra tal-ġeni għal finijiet ta' tnissil jew ma tinterrompik gene endoġenu;

(a) inserzjoni mmirata ta' sekwenzi kontinwi tad-DNA li jeżistu fil-ġabra tal-ġeni għal finijiet ta' tnissil;

(b) sostituzzjoni ta' sekwenzi endoġeni ta' DNA b'sekwenzi kontinwi tad-DNA li jeżistu fil-ġabra tal-ġeni għal finijiet ta' tnissil;

(c) inverżjoni jew trażlokazzjoni ta' sekwenzi endoġeni kontinwi ta' DNA li jeżistu fil-ġabra tal-ġeni għal finijiet ta' tnissil.

Emenda 74
Proposta għal regolament
Anness I – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) it-tħassir ta' kwalunkwe numru ta' nukleotidi;

imħassar

Emenda 75
Proposta għal regolament
Anness I – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) bil-kundizzjoni li l-modifika ġenetika ma tinterrompik gene endoġenu:

imħassar

(a) inserzjoni mmirata ta' sekwenza kontigwa tad-DNA li teżisti fil-ġabra tal-

ġeni tan-nissiel;

(b) sostituzzjoni mmirata ta' sekwenza endoġena ta' DNA b'sekwenza kontigwa tad-DNA li teżisti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissiel;

Emenda 76

**Proposta għal regolament
Anness I – punt 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4) inverżjoni mmirata ta' sekwenza ta' kwalunkwe numru ta' nukleotidi;

imħassar

Emenda 77

**Proposta għal regolament
Anness I – punt 5**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) kwalunkwe modifikazzjoni mmirata oħra ta' kwalunkwe daqs, bil-kundizzjoni li s-sekwenzi tad-DNA li jirriżultaw diġà jseħħu (possibbilment b'modifikazzjonijiet kif aċċettati skont il-punti (1) u/jew (2)) fi speċi mill-ġabra tal-ġeni tan-nissiela.

imħassar

Emenda 78

**Proposta għal regolament
Anness II – Parti 1 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) karatteristiċi tal-pjanta riċevitriċi bħall-allerġeniċità, il-potenzjal għall-fluss tal-ġeni, il-potenzjal tal-ħaxix ħażin, il-funzjoni ekoloġika;

Emenda 79

Proposta għal regolament

Anness II – Parti 2 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Impatti fuq il-kultivazzjoni organika

Emenda 80

**Proposta għal regolament
Anness II – Parti 2 – punt 8a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Effetti fuq il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità

Emenda 81

**Proposta għal regolament
Anness III – titolu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Karatteristiċi msemmija ***fl-Artikolu 22***

Karatteristiċi msemmija ***fl-Artikolu 6 u l-Artikolu 22***

Emenda 82

**Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – paragrafu 1 – punt 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) ir-rendiment, inklużi l-istabbiltà tar-rendiment u r-rendiment f'kundizzjonijiet ta' input baxx;

(1) ir-rendiment, inklużi l-istabbiltà tar-rendiment u r-rendiment f'kundizzjonijiet ta' input baxx, ***dment li dawk il-karatteristiċi jikkontribwixxu wkoll għal kwalunkwe wieħed mill-punti (2), (3) jew (4) ta' dan l-Anness;***

Emenda 83

**Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Test propost mill-Kummissjoni

(7) il-ħtieġa mnaqqsa ta' inputs esterni, bħal **prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u fertilizzanti**.

Emenda

(7) il-ħtieġa mnaqqsa ta' inputs esterni, bħal fertilizzanti, **jekk ma tmurx kontra l-Anness III, il-parti 2.**

Emenda 84

Proposta għal regolament Anness IIIa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ANNEX IIIa

Valutazzjoni tas-sikurezza fuq il-post

Pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 titqies sikura jekk, meta mqabbla mal-pjanta omm mhux modifikata tal-istess speċi, permezz ta' esperimenti konfinati tiġi pprovduta evidenza li:

(1) is-sekwenzjar u t-tfassil ta' profili tal-ġenoma komplut juru li l-modifikazzjonijiet ġenetiċi intenzjonati u mhux intenzjonati ma mmodifikawx b'mod avvers il-funzjoni ta' ġene wieħed jew aktar; kif ukoll

(2) is-sekwenzjar tat-transkriptoma kollu li jsir fil-parti rilevanti tal-pjanta juri li l-modifikazzjonijiet ġenetiċi intenzjonati u mhux intenzjonati ma biddlux b'mod avvers il-perkorsi bijokimiċi, li wasslu b'mod partikolari għal konsegwenzi kompożizzjonali avversi, verifikati pereżempju permezz ta' analiżi tal-ontoloġija tal-ġeni; kif ukoll

(3) it-tfassil tal-profilu tal-metaboliti bijokimiċi (metabolomika) u tal-proteini (proteomika) li jsiru fuq il-parti rilevanti tal-pjanta juru li l-modifikazzjonijiet ġenetiċi intenzjonati u mhux intenzjonati ma wasslux għal żieda fil-livelli ta' tossini jew allerġeni magħrufa jew fil-produttjoni mill-pjanti ta' bijokimiċi jew proteini ġodda tossiċi jew allerġeniċi

għajr dawk mixtieqa jew ittestjati.

NOTA SPJEGATTIVA

Tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs) jipprovdu opportunitajiet mingħajr preċedent għall-agrikoltura u l-produzzjoni tal-ikel Ewropej. Dawn it-tekniki jippermettulna nibdlu l-materjali ġenetiċi ta' ċertu organizzmu li jipprovdi żvilupp rapidu ta' varjetajiet ta' pjanti differenti b'ċerti karatteristiċi. L-NGTs mhumiex limitati għal teknika speċifika waħda iżda pjuttost jirrappreżentaw grupp varjat ta' tekniki li jistgħu jikkontribwixxu għal modifikazzjoni aktar imfassla tal-ġenoma meta mqabbla mat-tnissil konvenzjonali tal-pjanti. Il-modifika miksuba tal-ġenoma setgħet jew ma setgħetx tiġi prodotta fin-natura jew miksuba permezz ta' tekniki ta' tnissil konvenzjonali.

Teknoloġiji innovattivi bħal CRISPR/Cas9, li nġhata l-Premju Nobel fil-Kimika fl-2020, għandhom il-kapaċità li jtejbu t-tnissil tal-pjanti billi jsaħħu diversi għelejjel permezz ta' bidliet aktar immirati u mingħajr il-ħtieġa li tiżdied xi ħaġa ġdida fil-kompożizzjoni ġenetika ta' għalla.

Għalhekk, l-NGTs għandhom il-kapaċità li jtejbu l-agrikoltura billi jagħmlu l-għelejjel u l-ħsad aktar reżiljenti u sostenibbli. Minħabba l-ispejjeż baxxi tagħhom għall-operat u d-dħul, dawn it-tekniki jistgħu jikkontribwixxu wkoll għat-titjib tal-politika kummerċjali u l-kompetittività tal-Unjoni.

Sfortunatament, l-Unjoni Ewropea bħalissa ma tistax tuża dan il-potenzjal.

Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Lulju 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li d-Direttiva 2001/18 ma tistax tiġi interpretata bħala li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM) miksuba permezz ta' ċerti tekniki ġodda.

L-implikazzjoni Prattika ta' dan kienet sinifikanti, peress li l-NGTs għadhom ma ġewx introdotti fl-Unjoni.

Peress li l-Kummissjoni Ewropea kkonkludiet fi studju tat-30 ta' April 2021 li sar fuq talba tal-Kunsill fit-8 ta' Novembru 2019, il-leġiżlazzjoni tal-UE għandha tiġi adattata f'konformità mal-progress xjentifiku u tekniku f'dan il-qasam.

Leġiżlazzjoni ġdida u adattata hija essenzjali biex tippermetti l-użu ta' dawn it-tekniki ġodda. Huwa essenzjali li jkun hemm rekwiżiti ta' valutazzjoni tar-riskju u proċeduri ta' awtorizzazzjoni adegwati biex jiġi żgurat li fl-UE tkun tista' tiġi introdotta varjetà ta' prodotti tal-pjanti potenzjali. Ir-rekwiżiti u l-proċessi attwali għall-għelejjel ġenetikament modifikati mhumiex qed jippermettu t-tekniki l-ġodda jew varjetà ta' prodotti tal-pjanti.

Mingħajr qafas ta' abilitazzjoni f'konformità mal-progress xjentifiku u tekniku, dawn il-problemi jkomplu jaffettwaw lill-operaturi affettwati mir-regolamenti attwali fis-sistema agroalimentari kollha. Il-konsumaturi, il-bdiewa u s-settur innovattiv bħalissa ma jistgħux jibbenefikaw mill-NGTs.

Fin-nuqqas ta' qafas regulatorju modern fl-UE, pajjiżi oħra fid-dinja diġà haġu miżuri biex jippermettu l-użu tal-NGTs. Għalhekk hemm ir-riskju li l-UE taq' lura kemm fil-kompetittività kif ukoll fir-riċerka xjentifika u teknoloġika. Dan ikollu impatt negattiv fuq is-sikurezza Ewropea tal-ikel kif ukoll ir-reżiljenza fil-produzzjoni Ewropea tal-ikel.

Għanijiet u ambizzjonijiet tal-abbozz ta' proposta

Ir-rapporteur tappoġġja l-approċċ ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea u tilqa' l-proposta tagħha li tintroduċi regolament ġdid dwar il-pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom. Filwaqt li tqis li l-qafas regolatorju attwali mhuwiex konformi mal-aħħar żvilupp xjentifiku u teknoloġiku, ir-rapporteur tilqa' din il-proposta bl-objettivi tagħha stabbiliti fl-istrateġija għas-sikurezza tal-ikel "Mill-Għalqa sal-Platt". Il-proposta hija konformi mal-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-għan tagħha li tittrasforma l-agrikoltura u l-produzzjoni tal-ikel Ewropej lejn is-sostenibbiltà u t-tiżiż tal-kompetittività Ewropea.

Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna t-tnejn aggrawaw is-sitwazzjoni għall-agrikoltura Ewropea u l-produzzjoni tal-ikel billi wrew id-dipendenzi esterni tal-Unjoni fuq kontributi kritiċi għall-agrikoltura.

Filwaqt li r-rapporteur temmen li l-proposta tal-Kummissjoni hija punt tat-tluq solidu, hija temmen li hemm bżonn ta' aktar titjib u żidiet biex jiġi żgurat l-aħjar użu possibbli tat-tekniki.

Kjarifika u titjib tal-kriterji għall-pjanti tal-NGT 1

Ir-rapporteur hija tal-fehma li d-dispożizzjonijiet relatati mal-kategorija 1 (NGT 1) għandhom jittejjbu aktar. Hija temmen li l-kriterji fl-Anness I li jiddefinixxi pjanti tal-NGT 1 għandhom jiġu ċċarati u mtejjba aktar. Il-Kummissjoni tipproponi limitu ta' 20 bidla ġenetikament modifikati li ma jistgħux jinqabżu jekk pjanta kellha tiġi definita bħala NGT 1.

Rigward il-kriterji stabbiliti fl-Anness I li għandhom jaqgħu taħt NGT 1: **il-limitu ta' 20 bidla ġenetikament modifikata għandu jiġi speċifikat billi jiġi żgurat li kull bidla fi pjanta u/jew għalla trid tkun relattiva għall-istatus ta' plojdità fl-għalla.** Jekk, pereżempju, pjanta jkollha duplikazzjoni ta' kromożomi u modifikazzjoni waħda *de facto* tagħmel żewġ bidliet, 10 modifikazzjonijiet diġà jistgħu jagħmlu sa 20 bidla potenzjali. Dan jirriskja li jmur lil hinn mill-iskop tiegħu. Il-bidla partikolari f' għalla jew fi pjanta għandha tkun ibbażata fuq kopja waħda ta' ġene.

Biedja organika

Ir-rapporteur temmen ukoll li l-NGTs għandhom ikunu permessi fil-biedja organika. L-għan ta' dan l-abbozz ta' rapport huwa li jiġi żgurat li kwalunkwe operatur mingħajr diskriminazzjoni jkun jista' juża t-tekniki. **Għalhekk, il-projbizzjoni proposta mill-Kummissjoni għat-tekniki li għandhom jintużaw fil-biedja organika titneħħa biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi mingħajr ma tiġi imposta t-teknika fuq kwalunkwe operatur.**

Il-proposta għandha tiżgura li kull operatur jista' jkollu aċċess għal dawn it-teknoloġiji l-ġodda. Il-libertà tal-għażla hija essenzjali għall-operaturi u t-teknika għandha tibqa' disponibbli.

L-iżgurar ta' proċessi ta' verifika bbażati fuq ix-xjenza

Ir-regolament propost jintroduċi wkoll proċeduri ta' verifika għal NGT 1 qabel ir-rilaxx intenzjonat ta' pjanti għal din il-kategorija. Ir-rapporteur temmen li huwa importanti li tiġi żgurata konformità sħiħa mar-regolament. **Madankollu, hija temmen li l-proċess ta' verifika għandu jkun f'idejn l-awtorità kompetenti fi Stat Membru fejn tiġi ppreżentata l-applikazzjoni u mingħajr Stati Membri addizzjonali li jistgħu jikkontestaw ċerta deċiżjoni ta' approvazzjoni mingħajr oġġezzjoni motivata.**

Il-proċess ta' verifika għandu jkun ibbażat fuq il-kriterji approvati xjentifikament stabbiliti fl-anness li jiddefinixxi pjanti tal-kategorija 1 u, meta jkun xieraq, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel.

It-traċċabbiltà u t-tikkettar

Fir-rigward tat-traċċabbiltà u t-tikkettar tal-pjanti tal-NGT 1, ir-rapporteur tappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni billi l-informazzjoni dwar l-użu tal-NGTs issir disponibbli pubblikament fil-bażi tad-data pubblika proposta. Dan jiżgura t-trasparenza u l-għażla tal-konsumatur. **Madankollu, ir-rapporteur ma tappoġġjax it-tikkettar tal-boroż taż-żerriegħa għal pjanti tal-NGT vverifikati tat-tip konvenzjonali peress li dan ikun diskriminatorju.** Pjanti tal-NGT tat-tip konvenzjonali għandhom jiġu ttrattati b'mod konvenzjonali; dan ir-rekwiżit addizzjonali qed johlqo distinzjonijiet u piż amministrattiv mhux ġustifikati

Il-privattivi u l-jedd għall-privattiva

Ir-rapporteur tiegħu nota wkoll tat-tħassib espress fir-rigward tal-privattiva dwar l-NGTs min-nissjela u l-bdiewa. Ir-rapporteur temmen li dan għandu jiġi rregolat f'regolamenti separati eżistenti fejn huma attwalment regolati biex jiġi evitat li din il-proposta tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Ir-rapporteur għalhekk tappoġġja l-approċċ propost mill-Kummissjoni biex tivvaluta fuq bażi regolari u tressaq rapport dwar kif dan għandu jiġi indirizzat wara li l-leġiżlazzjoni tkun ħadmet fil-prattika sabiex jiġi vvalutat jekk teknika hijiex soġġetta għal privattiva.

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI) għandu wkoll kompetenzi kondiviżi dwar xi dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 57 mal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI). Ir-rapporteur għalhekk hija impenjata li taħdem b'mod kostruttiv mar-rapporteur mill-Kumitat AGRI biex tinstab proposta tajba u bbilanċjata għal dawn it-tekniki.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Euroseeds
KRAV Ekonomisk Förening
KWS SAAT SE & Co. KGaA
European Commission: DG Sante

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

POŻIZZJONI TAL-MINORANZA

skont l-Artikolu 55(4) tar-Regoli ta' Proċedura
Christophe Clergeau, Martin Häusling u Anja Hazekamp

Billi teżenta l-NGTs tal-kategorija 1, li se jkunu l-maġġoranza l-kbira tal-NGTs, mill-valutazzjoni tar-riskju, il-monitoraġġ, it-traċċabbiltà u t-tikkettar tal-konsumatur tal-OĠM, il-Kummissjoni tonqos milli tirrispetta d-drittijiet tal-konsumatur kif ukoll il-prinċipju ta' prekawzjoni, stabbilit fit-TFUE. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda bażi xjentifika sottostanti għall-kriterji fl-Anness I, li jiddefinixxu jekk NGT tissodisfax il-kriterji ta' "ekwivalenza" għall-pjanti konvenzjonali. Il-kriterji ma għandhom l-ebda effett fuq is-sikurezza għalhekk ma hemm l-ebda garanzija li l-pjanti ġenetikament modifikati li jissodisfaw il-kriterji għandhom livell aktar baxx ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Il-proposta tal-Kummissjoni tinjora l-aspetti marbuta mal-koeżistenza tal-produzzjoni organika u dik konvenzjonali. Fl-aħħar nett, l-allegati benefiċċji tal-NGTs ma jiġġustifikawx l-esklużjoni tal-prodotti tal-NGT mir-regoli eżistenti dwar l-OĠM u mhux se jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ġusta meħtieġa fl-agrikoltura.

Sfortunatament, l-emendi ta' kompromess ippreżentati mir-rapporteur ikomplu jaggravaw dawn il-kwistjonijiet. Nixtiequ nirreġistraw id-diżapprovazzjoni tagħna rigward l-iskeda ta' żmien estremament stretta li ġiet applikata għal dan id-dossier, li għamlitha impossibbli li jiġu kkunsidrati u diskussi b'mod adegwat opinjonijiet xjentifiċi differenti, b'mod partikolari fir-rigward ta' x'jista' jikkostitwixxi kriterji xierqa għall-NGTs tal-kategorija 1.

13.12.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625

(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Rapporteur for opinion: Veronika Vrecionová

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki **ġenomiċi ġodda** u l-ikel u l-għalf tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Emenda

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki **ta' tnissil ta' preċiżjoni** u l-ikel u l-għalf tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 **u d-Direttiva 98/44/KE**
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) Mill-2001, meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (32) dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) 'l hawn il-progress sinifikanti fil-bijoteknoloġija wassal għall-iżvilupp ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs), l-aktar prominenti fosthom tekniki ta' editjar tal-ġenoma li jippermettu li jsiru bidliet fil-ġenoma f'postijiet *preċiżi*.

³² Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta' tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista' tintuża b'diversi modi biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti. Dawn jistgħu jirriżultaw f'organiżmi b'modifikazzjonijiet ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb permezz ta' metodi ta' tnissil konvenzjonali jew f'organiżmi b'modifikazzjonijiet aktar kumplessi. Fost l-NGTs, il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluż l-intraġenesi) jintroduċu modifikazzjonijiet ġenetiċi mingħajr ma jiġi inserit materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi). Dawn jiddependu biss fuq il-ġabra tal-ġeni tan-nissiela, jiġifieri l-informazzjoni ġenetika totali li hija disponibbli għat-tnissil konvenzjonali inkluż minn speċijiet ta' pjanti relatati mill-bogħod li jistgħu jinkroċjaw b'tekniki ta' tnissil avvanzati. It-tekniki ta' mutaġenesi mmirata

(1) Mill-2001, meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (32) dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) 'l hawn il-progress sinifikanti fil-bijoteknoloġija wassal għall-iżvilupp ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs), l-aktar prominenti fosthom tekniki ta' editjar tal-ġenoma li jippermettu li jsiru bidliet fil-ġenoma f'postijiet *immirati*.

³² Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).

Emenda

(2) L-NGTs jikkostitwixxu grupp varjat ta' tekniki ġenomiċi, u kull waħda minnhom tista' tintuża b'diversi modi biex jinkisbu riżultati u prodotti differenti. Dawn jistgħu jirriżultaw f'organiżmi b'modifikazzjonijiet ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb permezz ta' metodi ta' tnissil konvenzjonali jew f'organiżmi b'modifikazzjonijiet aktar kumplessi. Fost l-NGTs, il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluż l-intraġenesi) jintroduċu modifikazzjonijiet ġenetiċi mingħajr ma jiġi inserit materjal ġenetiku minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi). Dawn jiddependu biss fuq il-ġabra tal-ġeni tan-nissiela, jiġifieri l-informazzjoni ġenetika totali li hija disponibbli għat-tnissil konvenzjonali inkluż minn speċijiet ta' pjanti relatati mill-bogħod li jistgħu jinkroċjaw b'tekniki ta' tnissil avvanzati. It-tekniki ta' mutaġenesi mmirata

jirriżultatw f' modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f' postijiet **preċiżi** fil-ġenoma ta' organiżmu. It-tekniki taċ-ċisġenesi jirriżultatw fl-inserzjoni, fil-ġenoma ta' organiżmu, ta' materjal ġenetiku diġà preżenti fil-ġabra ta' ġeni tan-nissjela. L-intraġenezi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-ġenoma ta' kopja riformulata ta' materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar li diġà huma preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissjela.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Għalhekk, **huwa meħtieġ li jiġi adottat qafas legali speċifiku għall-OĠM** miksuba bil-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi u prodotti relatati **meta jiġu rilaxxati intenzjonalment fl-ambjent jew jiġu introdotti fis-suq.**

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u

PE754.658v03-00

jirriżultatw f' modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f' postijiet **immirati** fil-ġenoma ta' organiżmu. It-tekniki taċ-ċisġenesi jirriżultatw fl-inserzjoni, fil-ġenoma ta' organiżmu, ta' materjal ġenetiku diġà preżenti fil-ġabra ta' ġeni tan-nissjela. L-intraġenezi hija subsett taċ-ċisġenesi li jirriżulta fl-inserzjoni fil-ġenoma ta' kopja riformulata ta' materjal ġenetiku magħmula minn żewġ sekwenzi tad-DNA jew aktar li diġà huma preżenti fil-ġabra tal-ġeni tan-nissjela.

Emenda

(8) Għalhekk, **il-pjanti u l-prodotti NGT tal-Kategorija 1** miksuba bil-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi u prodotti relatati **jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għar-regoli u r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u għal dispożizzjonijiet f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li japplikaw għall-OĠM. Il-mutaġenesi mmirata u ċ-ċisġenesi biex jinkisbu pjanti u prodotti NGT tal-Kategorija 1 jenħtieġ li jiġu eżentati fl-Anness 1B tad-Direttiva 2001/18/KE bħall-mutaġenesi u l-fużjoni taċ-ċelloli. Huwa meħtieġ rieżami perjodiku tal-approċċ għall-istabbiliment tal-ekwivalenza għall-metodi ta' tnissil konvenzjonali sabiex jirrifletti l-progress xjentifiku u teknoloġiku.**

Emenda

(9) Abbażi tal-għarfien xjentifiku u

54/91

RR\1295511MT.docx

tekniku attwali b' mod partikolari dwar l-
aspetti tas-sikurezza, jenħtieġ li dan ir-
Regolament ikun limitat għall-OĠM li
huma pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi
tassonomiċi Archaeplastida jew
Phaeophyceae, **esklużi l-mikroorganiżmi,
il-fungi u l-animali li għalihom l-
għarfien disponibbli huwa aktar limitat.**
Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament
jenħtieġ li jkopri biss pjanti miksuba
b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi mmirata u ċ-
ċisġenesi (inkluża l-intraġenesi) (minn
hawn 'il quddiem il-“pjanti tal-NGT”),
iżda mhux permezz ta' tekniki ġenomiċi
ġodda oħrajn. Dawn il-pjanti NGT ma
jgorrux materjal ġenetiku minn speċijiet li
ma jistgħux jinkroċjaw. Jenħtieġ li l-OĠM
prodotti minn tekniki ġenomiċi ġodda oħra
li jintroduċu f'organiżmu materjal ġenetiku
ta' speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw
(transġenesi) jibqgħu soġġetti biss għal-
leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM,
minħabba li l-pjanti li jirriżultaw jista'
jkollhom riskji speċifiċi assoċjati mat-
transġene. Barra minn hekk, **ma hemm l-
ebda indikazzjoni li r-rekwiżiti attwali fil-
leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM
għall-OĠM miksuba mit-transġenesi
jenħtieġ li jiġu adattati f'dan il-mument.**

tekniku attwali b' mod partikolari dwar l-
aspetti tas-sikurezza, dan ir-Regolament
jenħtieġ li jkun limitat għall-OĠM li huma
pjanti, jiġifieri organiżmi fil-gruppi
tassonomiċi Archaeplastida jew
Phaeophyceae. **Għal organiżmi oħra,
bħall-mikroorganiżmi, l-għarfien
disponibbli se jiġi rieżaminat fid-dawl ta'
proposta futura.** Għall-istess raġuni, dan
ir-Regolament jenħtieġ li jkopri biss pjanti
miksuba b'ċerti NGTs: il-mutaġenesi
mmirata u ċ-ċisġenesi (inkluża l-
intraġenesi) (minn hawn 'il quddiem il-
“pjanti tal-NGT”), iżda mhux permezz ta'
tekniki ġenomiċi ġodda oħrajn. Dawn il-
pjanti NGT ma jgorrux materjal ġenetiku
minn speċijiet li ma jistgħux jinkroċjaw.
Jenħtieġ li l-OĠM prodotti minn tekniki
ġenomiċi ġodda oħra li jintroduċu
f'organiżmu materjal ġenetiku ta' speċijiet
li ma jistgħux jinkroċjaw (transġenesi)
jibqgħu soġġetti biss għal-leġiżlazzjoni tal-
Unjoni dwar l-OĠM, minħabba li l-pjanti li
jirriżultaw jista' jkollhom riskji speċifiċi
assoċjati mat-transġene. Barra minn hekk,
**il-leġiżlazzjoni usa' dwar l-OĠM jenħtieġ
li tiġi eżaminata fid-dawl tal-konklużjoni
tal-Kummissjoni li ma għadhiex adatta
għall-iskop li jiġi żgurati li r-rekwiżiti
jkunu bbażati fuq ix-xjenza u
proporzjonati għar-riskju.**

Ġustifikazzjoni

Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni jinnota li “L-Unjoni tirriskja li tiġi eskluża b' mod sinifikanti mill-iżviluppi teknoloġiċi u mill-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali li dawn it-teknoloġiji l-ġodda jistgħu potenzjalment jiġġeneraw, jekk il-qafas tagħha tal-OĠM ma jkunx adattat għall-NGTs. Imbagħad, dan iwassal għal inqas awtonomija strateġika għall-Unjoni. Għalhekk, il-qafas regolatorju tal-Unjoni għandu jiġi adattat biex jagħmel l-NGTs soġġetti għal-livell xieraq ta' sorveljanza regolatorja.” Għalhekk huwa rilevanti li ssir leġiżlazzjoni simili dwar il-mikroorganiżmi.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 14

(14) Il-pjanti tal-NGT li jistgħu jseħħu wkoll b'mod naturali jew jiġu prodotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali u n-nisel tagħhom **miksub b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali** ("pjanti tal-NGT tal-kategorija 1") jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala pjanti li seħħew b'mod naturali jew li ġew prodotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali, minħabba li huma ekwivalenti u li r-riskji tagħhom huma komparabbli, u b'hekk jidderogaw bis-sħiħ mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u mir-reqwiziti relatati mal-OĠM fil-leġiżlazzjoni settorjali. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi l-kriterji biex jiġi aċċertat jekk pjanta tal-NGT hijiex ekwivalenti għal pjanti li jseħħu b'mod naturali jew imnisslin b'mod konvenzjonali u jistabbilixxi proċedura li biha l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivverifikaw u jieħdu deċiżjoni dwar l-issodisfar ta' dawk il-kriterji, qabel ir-rilaxx jew it-tqegħid fis-suq ta' pjanti tal-NGT jew ta' prodotti tal-NGT. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jkunu oġġettivi u bbażati fuq ix-xjenza. Jenħtieġ li jkopru t-tip u l-firxa ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi li jistgħu jiġu osservati fin-natura jew f'organiżmi miksuba b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali u jenħtieġ li jinkludu limiti kemm għad-daqs kif ukoll għan-numru ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi fil-ġenoma tal-pjanti tal-NGT. Peress li l-għarfien xjentifiku u tekniku jevolvi malajr f'dan il-qasam, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex taġġorna dawn il-kriterji fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku fir-rigward tat-tip u **l-firxa** ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi li jistgħu jseħħu fin-natura jew permezz tat-tnissil konvenzjonali.

(14) Il-pjanti tal-NGT li jistgħu jseħħu wkoll b'mod naturali jew jiġu prodotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali u n-nisel tagħhom ("pjanti tal-NGT tal-kategorija 1") jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala pjanti li seħħew b'mod naturali jew li ġew prodotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali, minħabba li huma ekwivalenti u li r-riskji tagħhom huma komparabbli, u b'hekk jidderogaw bis-sħiħ mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u mir-reqwiziti relatati mal-OĠM fil-leġiżlazzjoni settorjali. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi l-kriterji biex jiġi aċċertat jekk pjanta tal-NGT hijiex essenzjalment ekwivalenti għal pjanti li jseħħu b'mod naturali jew imnisslin b'mod konvenzjonali u jistabbilixxi proċedura li biha l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivverifikaw u jieħdu deċiżjoni dwar l-issodisfar ta' dawk il-kriterji, qabel ir-rilaxx jew it-tqegħid fis-suq ta' pjanti tal-NGT jew ta' prodotti tal-NGT. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jkunu oġġettivi u bbażati fuq ix-xjenza. Jenħtieġ li jkopru t-tip u l-firxa ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi li jistgħu jiġu osservati fin-natura jew f'organiżmi miksuba b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali u jenħtieġ li jinkludu limiti kemm għad-daqs kif ukoll għan-numru ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi fil-ġenoma tal-pjanti tal-NGT. Peress li l-għarfien xjentifiku u tekniku jevolvi malajr f'dan il-qasam, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex taġġorna dawn il-kriterji fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku fir-rigward tat-tip, **il-firxa, id-dimensjonijiet u l-għadd** ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi li jistgħu jseħħu fin-natura jew permezz tat-tnissil konvenzjonali.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Il-pjanti u l-prodotti tal-NGT tal-kategorija 1 **jenħtieġ li ma jkunux** soġġetti għar-regoli u r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u għad-dispożizzjonijiet f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li japplikaw għall-OĠM. Għaċ-ċertezza legali għall-operaturi u għat-trasparenza, jenħtieġ li tinkiseb dikjarazzjoni tal-istatus tal-pjanta NGT tal-kategorija 1 qabel ir-rilaxx intenzjonat, inkluż l-introduzzjoni fis-suq.

Emenda

(16) Il-pjanti u l-prodotti tal-NGT tal-kategorija 1 ma **jridux ikunu** soġġetti għar-regoli u r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u għad-dispożizzjonijiet f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li japplikaw għall-OĠM. Għaċ-ċertezza legali għall-operaturi u għat-trasparenza, jenħtieġ li tinkiseb dikjarazzjoni tal-istatus tal-pjanta NGT tal-kategorija 1 qabel ir-rilaxx intenzjonat, inkluż l-introduzzjoni fis-suq. **Il-pjanti NGT li jistgħu jseħħu wkoll b'mod naturali jew jiġu prodotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali u n-nisel tagħhom ("pjanti NGT tal-kategorija 1") jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala pjanti li sehew b'mod naturali jew li ġew prodotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali.**

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Peress li l-kriterji biex jiġi kkunsidrat li pjanta tal-NGT hija ekwivalenti għal pjanti li jseħħu b'mod naturali jew imnisslin b'mod konvenzjonali ma humiex relatati mat-tip ta' attività li teħtieġ ir-rilaxx intenzjonat tal-pjant tal-NGT, dikjarazzjoni tal-istatus tal-pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 magħmula qabel ir-rilaxx intenzjonat tagħha għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li tkun valida wkoll għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-NGT relatati. Fid-dawl tal-inċertezza kbira li jkun hemm fl-istadju tal-prova fuq il-post dwar jekk il-prodott hux

Emenda

(18) Peress li l-kriterji biex jiġi kkunsidrat li pjanta tal-NGT hija ekwivalenti għal pjanti li jseħħu b'mod naturali jew imnisslin b'mod konvenzjonali ma humiex relatati mat-tip ta' attività li teħtieġ ir-rilaxx intenzjonat tal-pjant tal-NGT, dikjarazzjoni tal-istatus tal-pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 magħmula qabel ir-rilaxx intenzjonat tagħha għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li tkun valida wkoll għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-NGT relatati. Fid-dawl tal-inċertezza kbira li jkun hemm fl-istadju tal-prova fuq il-post dwar jekk il-prodott hux

se jaasal sas-suq u l-involviment probabbli ta' operaturi iżgħar f'tali rilaxxi, il-proċedura ta' verifika tal-istatus tal-pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 qabel il-provi fuq il-post jenħtiegħ li titwettaq mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali peress li dan ikun ta' inqas piż amministrattiv għall-operaturi, **u jenħtiegħ li tittieħed deċiżjoni fil-livell tal-Unjoni biss f'każ li jkun hemm kummenti dwar ir-rapport ta' verifika minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra. Meta t-talba għal verifika tiġi sottomessa qabel it-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-NGT, il-proċedura jenħtiegħ li titwettaq fil-livell tal-Unjoni** sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-proċedura ta' verifika u l-konsistenza tad-dikjarazzjonijiet tal-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1.

se jaasal sas-suq u l-involviment probabbli ta' operaturi iżgħar f'tali rilaxxi, il-proċedura ta' verifika tal-istatus tal-pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 qabel il-provi fuq il-post **u qabel it-tqegħid fis-suq tal-prodotti NGT** jenħtiegħ li titwettaq mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali peress li dan ikun ta' inqas piż amministrattiv għall-operaturi. **Il-proċedura ta' verifika tal-istatus tal-pjanti NGT tal-kategorija 1** jenħtiegħ li titwettaq fil-livell **nazzjonali abbażi tal-opinjoni xjentifika tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità")** **biss jekk ikun hemm oġġezzjonijiet xjentifiċi motivati minn Stati Membri oħra** sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-proċedura ta' verifika u l-konsistenza tad-dikjarazzjonijiet tal-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Id-deċiżjonijiet li jiddikjaraw l-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 jenħtiegħ li jassenjaw numru ta' identifikazzjoni lill-pjanta tal-NGT ikkonċernata sabiex jiżguraw it-trasparenza u t-traċċabbiltà ta' tali pjanti meta jiġu elenkati fil-bażi tad-data **u għall-fini tattikettar tal-materjal riproduttiv tal-pjanti derivat minnhom.**

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-

Emenda

(21) Id-deċiżjonijiet li jiddikjaraw l-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 jenħtiegħ li jassenjaw numru ta' identifikazzjoni lill-pjanta tal-NGT ikkonċernata sabiex jiżguraw it-trasparenza u t-traċċabbiltà ta' tali pjanti meta jiġu elenkati fil-bażi tad-data. **L-informazzjoni elenkata għandha tinkludi informazzjoni dwar it-teknika/tekniki użata/użati biex jinkisbu l-karatteristiċi.**

Emenda

(23) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-

produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 834/2007⁽⁴⁷⁾ jipprojbixxi l-użu ta' OĠM u prodotti li ġejjin mill-OĠM u permezz tagħhom fil-produzzjoni organika. Dan jiddefinixxi l-OĠM għall-finijiet ta' dak ir-Regolament b'referenza għad-Direttiva 2001/18/KE, filwaqt li jeskludi mill-projbizzjoni l-OĠM li jkunu nkisbu permezz tat-tekniki ta' modifikazzjoni ġenetika elenkati fl-Anness 1.B għad-Direttiva 2001/18/KE. B'riżultat ta' dan, il-pjanti NGT tal-kategorija 2 *ser* ikunu pprojbiti fil-produzzjoni organika. ***Madankollu, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat l-istatus tal-pjanti NGT tal-kategorija 1 għall-finijiet tal-produzzjoni organika. L-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda attwalment huwa inkompatibbli mal-kunċett tal-produzzjoni organika fir-Regolament (KE) 2018/848 u l-perċezzjoni tal-konsumaturi tal-prodotti organiċi.*** Għalhekk, jenħtieġ li l-użu ta' pjanti NGT tal-kategorija 1 jiġi *pprojb*it ukoll *fil-produzzjoni organika.*

⁴⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Jenħtieġ li ssir dispożizzjoni biex tiġi żgurata t-trasparenza fir-rigward tal-użu tal-varjetajiet tal-pjanti NGT tal-kategorija 1, biex jiġi żgurat li l-ktajjen tal-produzzjoni li jixtiequ jibqgħu ħielsa mill-NGTs ikunu jistgħu jagħmlu dan u b'hekk tiġi ssalvagwardjata l-fiduċja tal-

produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 834/2007⁽⁴⁷⁾ jipprojbixxi l-użu ta' OĠM u prodotti li ġejjin mill-OĠM u permezz tagħhom fil-produzzjoni organika. Dan jiddefinixxi l-OĠM għall-finijiet ta' dak ir-Regolament b'referenza għad-Direttiva 2001/18/KE, filwaqt li jeskludi mill-projbizzjoni l-OĠM li jkunu nkisbu permezz tat-tekniki ta' modifikazzjoni ġenetika elenkati fl-Anness 1.B għad-Direttiva 2001/18/KE. B'riżultat ta' dan, il-pjanti NGT tal-kategorija 2 *se* ikunu pprojbiti fil-produzzjoni organika. Għalhekk, jenħtieġ li l-użu ta' pjanti NGT tal-kategorija 1 jiġi *ċċarat fir-Regolament (UE) 2018/848.*

⁴⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

Emenda

(24) Jenħtieġ li ssir dispożizzjoni biex tiġi żgurata t-trasparenza fir-rigward tal-użu tal-varjetajiet tal-pjanti NGT tal-kategorija 1, biex jiġi żgurat li l-ktajjen tal-produzzjoni li jixtiequ jibqgħu ħielsa mill-NGTs ikunu jistgħu jagħmlu dan u b'hekk tiġi ssalvagwardjata l-fiduċja tal-

konsumatur. Jenħtieġ li l-pjanti NGT li jkunu kisbu dikjarazzjoni tal-istatus ta' pjanta NGT tal-kategorija 1 jiġu **elenkati f'bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku. Sabiex jiġu żgurati t-traċċabbiltà, it-trasparenza u l-għażla għall-operaturi, jenħtieġ li matul ir-riċerka u t-tnissil tal-pjanti, meta tinbiegħ iż-żerriegħa lill-bdiewa jew meta l-materjal riproduttiv tal-pjanti jsir disponibbli għal partijiet terzi bi kwalunkwe mod ieħor, il-materjal riproduttiv tal-pjanti għall-pjanti NGT tal-kategorija 1 jiġi ttikkettat bħala NGT tal-kategorija 1.**

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, wara l-ewwel tiġdid tal-awtorizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu mingħajr limitu, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fiż-żmien ta' dak it-tiġdid abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni disponibbli fuq il-pjanta tal-NGT ikkonċernata, soġġett għal valutazzjoni mill-ġdid meta tkun saret disponibbli informazzjoni ġdida.

konsumatur. Jenħtieġ li l-pjanti NGT li jkunu kisbu dikjarazzjoni tal-istatus ta' pjanta NGT tal-kategorija 1 jiġu **indikati billi jissemmew fil-katalgi nazzjonali u/jew katalgu komuni ta' varjetajiet ta' speċijiet ta' pjanti agrikoli, inkluż informazzjoni dwar it-teknika/tekniki użata/użati biex tinkiseb/jinkisbu l-karatteristika/karatteristiċi.**

Emenda

(29a) Wara l-awtorizzazzjoni b'suċċess ta' pjanta NGT tal-kategorija 1 ibbażata fuq kriterji xjentifiċi, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu mingħajr limitu.

Emenda

(30) Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, wara l-ewwel tiġdid tal-awtorizzazzjoni **ta' pjanta NGT tal-kategorija 2**, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu mingħajr limitu, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fiż-żmien ta' dak it-tiġdid abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni disponibbli fuq il-pjanta tal-NGT **tal-kategorija 2** ikkonċernata, soġġett għal valutazzjoni mill-ġdid meta tkun saret disponibbli informazzjoni ġdida.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) Sabiex tiżdied it-trasparenza u l-informazzjoni għall-konsumaturi, jenħtieġ li l-operaturi jitħallew jissupplimentaw it-tikkettar tal-prodotti NGT tal-kategorija 2 **bħala OĠM** b'informazzjoni dwar il-karatteristika mogħtija **mill-modifikazzjoni ġenetika**. Sabiex jiġu evitati indikazzjonijiet qarrieqa jew li joħolqu konfużjoni, jenħtieġ li fin-notifika għall-kunsens jew fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tiġi pprovduta proposta għal tali tikkettar u jenħtieġ li tiġi speċifikata fil-kunsens jew fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni.

Emenda

(32) Sabiex tiżdied it-trasparenza u l-informazzjoni għall-konsumaturi, jenħtieġ li l-operaturi jitħallew jissupplimentaw it-tikkettar tal-prodotti NGT tal-kategorija 2 b'informazzjoni dwar il-karatteristika mogħtija. Sabiex jiġu evitati indikazzjonijiet qarrieqa jew li joħolqu konfużjoni, jenħtieġ li fin-notifika għall-kunsens jew fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tiġi pprovduta proposta għal tali tikkettar u jenħtieġ li tiġi speċifikata fil-kunsens jew fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni.

Ġustifikazzjoni

L-NGTs ma għandhomx jiġu ttikkettati bħala OĠM, iżda bħala NGTs.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) ***Il-pjanti li jittolleraw l-erbiċidi jiġu mnisla biex intenzjonalment jittolleraw l-erbiċidi, sabiex jiġu kkultivati flimkien mal-użu ta' dawk l-erbiċidi. Jekk tali kultivazzjoni ma ssirx taħt kundizzjonijiet xierqa, tista' twassal għall-iżvilupp ta' ħaxix ħażin reżistenti għal dawk l-erbiċidi jew għall-ħtieġa li jiżdiedu l-kwantitajiet ta' erbiċidi applikati, irrispettivament mit-teknika tat-tnissil. Għal din ir-raġuni, il-pjanti tal-NGT li juru karatteristiċi tolleranti għall-erbiċidi jenħtieġ li ma jkunux eliġibbli għall-inċentivi skont dan***

Emenda

imħassar

il-qafas. Madankollu, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jhux miżuri speċifiċi oħra dwar il-pjanti NGT li jittolleraw l-erbiċidi, minħabba li tali miżuri jittieħdu b'mod orizzontali fil-[Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni].

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Sabiex il-pjanti NGT ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-oġġettivi tas-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġiji “Mill-Għalqa sal-Platt” u għall-Bijodiversità, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata l-kultivazzjoni tal-pjanti NGT fl-Unjoni. Dan jeħtieġ prevedibbiltà għan-nissjela u għall-bdiewa fir-rigward tal-possibbiltà li jikkultivaw tali pjanti fl-Unjoni. Għalhekk, il-possibbiltà li l-Istati Membri jadottaw miżuri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-pjanti NGT ***tal-kategorija 2*** fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu, stabbilita fl-Artikolu 26b tad-Direttiva 2001/18/KE timmina dawk l-għanijiet.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

(38) Ir-regoli speċjali stabbiliti f'dan ir-Regolament dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-pjanti NGT tal-kategorija 2 huma mistennija li jirriżultaw f'aktar kultivazzjoni fl-Unjoni ta' pjanti NGT tal-kategorija 2 meta mqabbla mas-

Emenda

(37) Sabiex il-pjanti NGT ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-oġġettivi tas-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġiji “Mill-Għalqa sal-Platt” u għall-Bijodiversità, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata l-kultivazzjoni tal-pjanti NGT fl-Unjoni. Dan jeħtieġ prevedibbiltà għan-nissjela u għall-bdiewa fir-rigward tal-possibbiltà li jikkultivaw tali pjanti fl-Unjoni. Għalhekk, il-possibbiltà li l-Istati Membri jadottaw miżuri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-pjanti NGT fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu, stabbilita fl-Artikolu 26b tad-Direttiva 2001/18/KE timmina dawk l-għanijiet.

Emenda

(38) Ir-regoli speċjali stabbiliti f'dan ir-Regolament dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-pjanti NGT tal-kategorija 2 huma mistennija li jirriżultaw f'aktar kultivazzjoni fl-Unjoni ta' pjanti NGT tal-kategorija 2 meta mqabbla mas-

sitwazzjoni sa issa taħt il-leġiżlazzjoni attwali tal-Unjoni dwar l-OĠM. Dak jagħmel neċessarju għall-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri li jiddefinixxu miżuri ta' koeżistenza biex jibbilanċjaw l-interessi tal-produtturi ta' pjanti konvenzjonali, dawk organiċi u dawk ġenetikament modifikati u b'hekk jippermettu lill-produtturi jkollhom għażla bejn tipi differenti ta' produzzjoni, f'konformità mal-mira tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" ta' 25 % tal-art agrikola taħt biedja organika sal-2030.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) Sabiex jintlaħaq l-għan li jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tas-suq intern, ***il-pjanti tal-NGT u l-prodotti relatati jenħtieġ li jibbenefikaw mill-moviment liberu tal-merkanzija, dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti oħra tad-dritt tal-Unjoni.***

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 40

sitwazzjoni sa issa taħt il-leġiżlazzjoni attwali tal-Unjoni dwar l-OĠM. Dak jagħmel neċessarju għall-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri li jiddefinixxu miżuri ta' koeżistenza ***għall-pjanti NGT tal-kategorija 2*** biex jibbilanċjaw l-interessi tal-produtturi ta' pjanti konvenzjonali, dawk organiċi u dawk ġenetikament modifikati u b'hekk jippermettu lill-produtturi jkollhom għażla bejn tipi differenti ta' produzzjoni, f'konformità mal-mira tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" ta' 25 % tal-art agrikola taħt biedja organika sal-2030.

Emenda

(39) Sabiex jintlaħaq l-għan li jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tas-suq intern ***u l-moviment liberu tal-prodotti tal-pjanti tal-NGT madwar l-Unjoni, ir-rilaxx intenzjonat ta' pjanti NGT u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti NGT jenħtieġ li jiġi bbażat fuq ir-rekwiżiti armonizzati u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament, li jwassal għall-adozzjoni ta' deċiżjoni applikabbli b'mod uniformi għall-Istati Membri kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li ma jidderogawx unilateralmnt mid-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament b'mod li jirrestrinġi, jipprojbixxi jew ifixkel il-moviment liberu, it-tqegħid fis-suq u r-rilaxx intenzjonat ta' pjanti NGT jew ta' prodotti relatati fit-territorju tal-Unjoni.***

Test propost mill-Kummissjoni

(40) Minħabba n-novità tal-NGTs, se jkun importanti li jiġu mmonitorjati mill-qrib l-iżvilupp u l-preżenza fis-suq tal-pjanti u tal-prodotti tal-NGT u li jiġi evalwat kwalunkwe impatt akkumpanjanti fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, fuq l-ambjent u fuq is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali. L-informazzjoni jenħtieġ li tinġabar regolarment u fi żmien 5 snin wara l-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni li tippermetti r-rilaxx intenzjonat jew it-tqegħid fis-suq ta' pjanti tal-NGT jew ta' prodotti tal-NGT fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament biex tkejjel il-progress li jkun sar lejn id-disponibbiltà ta' pjanti tal-NGT li fihom tali karatteristiċi jew proprjetajiet fis-suq tal-UE.

Emenda 20

**Proposta għal regolament
Premessa 45a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(40) Minħabba n-novità tal-NGTs, se jkun importanti li jiġu mmonitorjati mill-qrib l-iżvilupp u l-preżenza fis-suq tal-pjanti u tal-prodotti tal-NGT ***tal-kategorija 2*** u li jiġi evalwat kwalunkwe impatt akkumpanjanti fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, fuq l-ambjent u fuq is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali. L-informazzjoni jenħtieġ li tinġabar regolarment u fi żmien 5 snin wara l-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni li tippermetti r-rilaxx intenzjonat jew it-tqegħid fis-suq ta' pjanti tal-NGT ***tal-kategorija 2*** jew ta' prodotti tal-NGT ***tal-kategorija 2*** fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament biex tkejjel il-progress li jkun sar lejn id-disponibbiltà ta' pjanti tal-NGT ***tal-kategorija 2*** li fihom tali karatteristiċi jew proprjetajiet fis-suq tal-UE ***bl-għan li r-Regolament jittejjeb aktar.***

Emenda

(45 a) Il-Parlament Ewropew appella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex ma jagħtux privattivi dwar materjal bijoloġiku u jissalvagwardjaw il-libertà li joperaw u l-eżenzjoni tan-nissiel għall-varjetajiet. Jenħtieġ li jiġi żgurat li n-nissjela jkollhom aċċess sħiħ għall-materjal ġenetiku tal-pjanti NGT, li skont id-definizzjoni tagħhom ma humiex pjanti transġeniċi. L-aċċess għall-materjal ġenetiku jista' jiġi assigurat bl-aħjar mod meta d-dritt tad-detenturi tal-privattivi jiġi eżawrit f'idejn in-nissiel (eżenzjoni tan-nissiel). Peress li d-dispożizzjonijiet attwali ma jipprevedux eżenzjoni sħiħa tan-nissiel fil-liġi dwar il-privattivi, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-privattivi ma

jirrestrinġux l-użu tal-pjanti NGT min-nissjela u l-bdiewa. Għalhekk, dawn il-pjanti jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal leġiżlazzjoni dwar il-privattivi, iżda jenħtieġ li għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali jkunu soġġetti biss għas-sistema ta' Drittijiet ta' Varjetajiet ta' Pjanti fil-Komunità (CPVR), kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94, li jippermetti l-użu tal-eżenzjoni tan-nissiel. Il-pjanti NGT, iż-żerriegħa dderivata minnhom, il-materjal tal-pjanti tagħhom, il-materjal ġenetiku assoċjat bħall-ġeni u s-sekwenzi tal-ġeni, u l-karatteristiċi tal-pjanti jenħtieġ li jiġu esklużi mill-jedd għall-privattiva. L-esklużjoni mill-jedd għall-privattiva jenħtieġ li jiġi applikat b'mod konsistenti fil-leġiżlazzjoni kollha. Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat milli jingħataw privattivi jew li jistgħu jiġu sottomessi applikazzjonijiet għal privattivi filwaqt li jiġu posposti dispożizzjonijiet legali ulterjuri dwar il-kwistjoni, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-materjal tal-pjanti jiġi eskluż mill-jedd għall-privattiva mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, fl-istudju li jmiss imħabbar il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta kif jenħtieġ li tiġi vvalutata aktar il-problema usa' tal-privattivi li qed jingħataw, direttament jew indirettament, dwar il-materjal tal-pjanti minkejja sforzi preċedenti biex jingħalqu l-lakuni. Il-valutazzjoni jenħtieġ li tindirizza b'mod partikolari r-rwol u l-impatt tal-privattivi fuq l-aċċess tan-nissjela u l-bdiewa għall-materjal riproduttiv tal-pjanti, id-diversità taż-żrieragħ u l-prezzijiet raġonevoli, kif ukoll fuq l-innovazzjoni u b'mod partikolari fuq l-opportunitajiet għall-SMEs. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta r-rapport tagħha sa mhux aktar tard mill-2026, flimkien mal-proposti leġiżlattivi xierqa sabiex tiżgura bidliet meħtieġa ulterjuri fil-qafas għad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 46a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(46 a) L-Istati Membri jenħtieġ li jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni pubblika fattwali fir-rigward tas-sikurezza u l-benefiċċji tal-pjanti miksuba permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda, b'enfasi partikolari fuq il-pjanti NGT tal-kategorija 1. L-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw li jeliminaw il-miti u l-prekunċetti żbaljati dwar tekniki ġenomiċi ġodda kif ukoll li jiġġieldu d-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni dwar dan is-suġġett permezz ta' dawn il-kampanji ta' informazzjoni pubblika jew b'mezzi oħra. Il-Kummissjoni jenħtieġ li, fuq talba, tipprovdi assistenza u linji gwida lill-Istati Membri f'dan ir-rigward.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 3 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) “pjanta tal-NGT” tfisser pjanta **ġenetikament modifikata** miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, bil-kundizzjoni li ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni **tan-nissiela** li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT;

(2) “pjanta tal-NGT” tfisser pjanta **kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 (1^a)** miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, bil-kundizzjoni li ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni **għal finijiet ta' tniissil** li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT;

1^a Ir-Regolament (UE) Nru 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 3– punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) “mutaġenesi mmirata” tfisser tekniki ta’ mutaġenesi li jirriżultaw f’modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f’postijiet **preċiżi** fil-ġenoma ta’ organiżmu;

Emenda

(4) “mutaġenesi mmirata” tfisser tekniki ta’ mutaġenesi li jirriżultaw f’modifikazzjoni(jiet) tas-sekwenza tad-DNA f’postijiet **immirati** fil-ġenoma ta’ organiżmu;

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 3– punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) “ġabra tal-ġeni **tan-nissiela**” tfisser l-informazzjoni ġenetika totali disponibbli fi speċi waħda u fi speċijiet tassonomiċi oħra li magħhom tista’ tkun ikkollata b’mod trasversali, inkluż bl-użu ta’ tekniki avvanzati bħas-salvataġġ tal-embrijuni, il-poliploidija indotta u l-inkroċjar li jgħaqqad;

Emenda

(6) “ġabra tal-ġeni **għal finijiet ta’ tmissil**” tfisser l-informazzjoni ġenetika totali disponibbli fi speċi waħda u fi speċijiet tassonomiċi oħra li magħhom tista’ tkun ikkollata b’mod trasversali, inkluż bl-użu ta’ tekniki avvanzati bħas-salvataġġ tal-embrijuni, il-poliploidija indotta u l-inkroċjar li jgħaqqad;

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 3 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) “**Poliploidija**” tfisser il-preżenza ta’ aktar minn żewġ ġenomi f’ċellola waħda;

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 3– punt 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) hija n-nisel tal-pjanta/i tal-NGT imsemmija fil-punt (a), inkluż in-nisel derivat mill-inkroċjar ta' tali pjanti, ***bil-kundizzjoni li ma jkun hemm l-ebda modifikazzjoni*** ulterjuri ***li tagħmilha soġġetta għad-Direttiva 2001/18/KE jew għar-Regolament 1829/2003***;

(b) hija n-nisel tal-pjanta/i tal-NGT imsemmija fil-punt (a), inkluż in-nisel derivat mill-inkroċjar ta' tali pjanti, ***jew nisel li sarulu modifikazzjonijiet*** ulterjuri ***u li jissodisfa l-kriterji ta' ekwivalenza għal pjanti konvenzjonali, kif stabbilit fl-Anness I***;

Ġustifikazzjoni

In-nissiela jtejbu fuq bażi kontinwa l-varjetajiet kummerċjali, sabiex maż-żmien jilħqu żidiet inkrementali fil-produttività. Din id-dispożizzjoni ma tibqax valida fil-futur u tillimita bil-kbir il-firxa ta' dak li jista' jinkiseb meta jiġu kkombinati karatteristiċi kumplessi, bħat-tolleranza tan-nixfa mar-reżistenza għall-mard.

Emenda 27

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – punt 7 – punt ba (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b a) li għalihom ma huwiex fattibbli li jiġi pprovdut metodu analitiku li jsib, jidentifika u jikkwantifika;

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tissuġġerixxi li għal ċerti pjanti NGT tal-Kategorija 2, ma jista' jiġi żviluppat l-ebda metodu ta' identifikazzjoni jew inkella wieħed adattat biss. Madankollu, peress li huma OĠM regolati, dawn il-pjanti mhux se jkun jistgħu jiġu identifikati jew distinti kompletament mill-pjanti konvenzjonali, li jagħmilha sfida speċifika għall-importazzjonijiet meta ma jkunx possibbli li jiġu identifikati NGTs mhux awtorizzati b'bidliet tal-Kategorija 2. Għalhekk huwa diskriminatorju li jkun meħtieġa t-traċċabbiltà u t-tikkettar ġenetikament modifikati ta' tali prodotti. Konsegwentement, tali pjanti NGT tal-Kategorija 2 għandhom jiġu ttrattati loġikament bħala pjanti NGT tal-Kategorija 1 (tat-tip konvenzjonali).

Emenda 28

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – punt 12**

Test propost mill-Kummissjoni

(12) “prodott tal-NGT” tfisser **prodott, għajr ikel u għalf, li fih jew li jikkonsisti minn pjanta tal-NGT, u** ikel u għalf li fih, jikkonsisti minn jew huwa prodott minn **tali pjanta;**

Emenda 29

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – punt 2**

Test propost mill-Kummissjoni

(2) il-pjanta hija pjanta tal-NGT tal-kategorija 2 u għiet awtorizzata f’konformità mal-Kapitolu III.

Emenda 30

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 31

**Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12) “prodott tal-NGT” tfisser ikel u għalf li fih, jikkonsisti minn jew huwa prodott minn **pjanti NGT, u prodotti oħra li fihom jew jikkonsistu minn tali pjanti;**

Emenda

(2) il-pjanta hija pjanta tal-NGT tal-kategorija 2 u **ngħatat il-kunsens jew** għiet awtorizzata f’konformità mal-Kapitolu III.

Emenda

(1 a) L-implimentazzjoni, l-infurzar u l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament ma għandux ikollhom l-oġġettiv jew l-effett li jipprevjenu jew jimpedixxu l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta’ pjanti u prodotti NGT li jissodisfaw l-istess standards bħal dawk stabbiliti f’dan ir-Regolament.

Emenda

Artikolu 4a

Esklużjoni mill-jedd għall-privattiva

Pjanti NGT, materjal tal-pjanti u partijiet minnhom ma għandhomx ikunu soġġetti għall-jedd għall-privattiva.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Ir-regoli li japplikaw ***għall-OĠM fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma għandhomx*** japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1.

Emenda

1. Ir-regoli li japplikaw ***għall-organiżmi li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' tekniki ta' modifika ġenetika elenkati fl-Anness IB tad-Direttiva 2001/18/KE għandhom*** japplikaw ***ukoll*** għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1.

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Il-pjanti NGT tal-kategorija 1 għandhom ikunu soġġetti għall-istess qafas legali bħall-pjanti mnissla b'mod konvenzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tan-nissjela tal-pjanti u l-awtopropagazzjoni.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 5(f)(iii) u 11 tiegħu għandhom japplikaw għall-pjanti NGT tal-kategorija 1 u għall-prodotti magħmula minn jew permezz ta' tali pjanti.

2. Għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 5(f)(iii) u 11 tiegħu għandhom japplikaw għall-pjanti NGT tal-kategorija 1 u għall-prodotti magħmula minn jew permezz ta' tali pjanti. ***Seba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament il-Kummissjoni***

għandha tippreżenta rapport dwar l-evoluzzjoni tal-perċezzjoni tal-konsumaturi u l-produtturi, jekk ikun xieraq, flimkien ma' proposta leġiżlattiva biex titneħħa l-projbizzjoni fuq l-użu tal-NGTs fil-produzzjoni organika.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2 a. Il-pjanti NGT tal-Kategorija 1 u l-prodotti miksba minn tali pjanti jew permezz tagħhom ma għandhomx ikunu soġġetti għall-miżuri ta' koeżistenza stabbiliti fl-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament jew ir-Regolament 1829/2003.

Ġustifikazzjoni

Peress li ma teżisti l-ebda miżura ta' koeżistenza speċifika bejn is-sistemi ta' produzzjoni konvenzjonali u organiċi, u peress li l-pjanti NGT tal-Kategorija 1 huma tat-tip konvenzjonali, ma hija meħtieġa l-ebda miżura ta' koeżistenza.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi u ***l-firxa*** ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi, ***il-firxa, id-dimensjoni*** u ***l-għadd*** ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Proċedura ta' verifika tal-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 ***qabel ir-rilaxx intenzjonat għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq***

Emenda

Proċedura ta' verifika tal-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) deskrizzjoni tal-karatteristiċi li ġew introdotti jew modifikati;

Emenda

(c) deskrizzjoni tal-karatteristiċi li ġew introdotti jew modifikati ***inkluża informazzjoni dwar it-teknika/tekniki użata/użati biex tinkiseb/jinkisbu l-karatteristika/karatteristiċi;***

Ġustifikazzjoni

Biex isir allinjament mal-emendi preċedenti dwar l-informazzjoni fil-bażi tad-data - ara l-premessa 23.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-awtorità kompetenti għandha tirrikonoxxi li rċeviet it-talba għall-verifika ma' min jagħmel it-talba ***mingħajr dewmien żejjed***, u tiddikjara d-data li fiha waslet. Għandha tagħmel it-talba disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni ***mingħajr dewmien***

Emenda

4. L-awtorità kompetenti għandha tirrikonoxxi li rċeviet it-talba għall-verifika ma' min jagħmel it-talba ***fi żmien 10 ijiem tax-xogħol***, u tiddikjara d-data li fiha waslet. Għandha tagħmel it-talba disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni ***fi żmien 10 ijiem tax-***

żejjed.

xogħol.

Ġustifikazzjoni

L-iskeda ta' żmien għandha tkun aktar prevedibbli b'għadd stabbilit ta' jiem biex ikun aktar faċli b'mod partikolari għall-SMEs li jkunu jafu t-tul tal-proċess.

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Jekk it-talba għall-verifika ma jkunx fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa, din għandha tiġi ddikjarata inammissibbli mill-awtorità kompetenti fi żmien 30 jum tax-xogħol sad-data tal-wasla ta' talba għall-verifika. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lil min jagħmel it-talba, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni **mingħajr dewmien żejjed** dwar l-inammissibbiltà tat-talba għall-verifika u għandha tipprovdi r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

Emenda

5. Jekk it-talba għall-verifika ma jkunx fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa, din għandha tiġi ddikjarata inammissibbli mill-awtorità kompetenti fi żmien 30 jum tax-xogħol sad-data tal-wasla ta' talba għall-verifika. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lil min jagħmel it-talba, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni **fi żmien 10 jiem tax-xogħol** dwar l-inammissibbiltà tat-talba għall-verifika u għandha tipprovdi r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Jekk it-talba għall-verifika ma titqiesx inammissibbli f'konformità mal-paragrafu 5, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika jekk il-pjanta NGT tissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Anness I u tħejji rapport ta' verifika fi żmien 30 jum tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' talba għall-verifika. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel ir-rapport ta' verifika disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed.

Emenda

6. Jekk it-talba għall-verifika ma titqiesx inammissibbli f'konformità mal-paragrafu 5, l-awtorità **nazzjonali** kompetenti għandha tivverifika jekk il-pjanta NGT tissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Anness I u tħejji rapport ta' verifika fi żmien 30 jum tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' talba għall-verifika. L-awtorità **nazzjonali** kompetenti għandha tagħmel ir-rapport ta' verifika disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed.

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. L-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni jistgħu **jikkumentaw** dwar ir-rapport ta' verifika fi żmien 20 jum mid-data tal-wasla ta' dak ir-rapport.

Emenda

7. L-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni jistgħu **jagħmlu oġġezzjonijiet xjentifiċi motivati** dwar ir-rapport ta' verifika fi żmien 20 jum mid-data tal-wasla ta' dak ir-rapport. **Dawk l-oġġezzjonijiet xjentifiċi mmotivati għandhom jirreferu biss għall-kriterji stabbiliti fl-Anness I u għandhom jinkludu ġustifikazzjoni xjentifika.**

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Fin-nuqqas ta' **kummenti** minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni, fi żmien **10 jiem tax-xogħol mill-iskadenza** msemmija fil-paragrafu 7, l-awtorità kompetenti li tkun ħejjiet ir-rapport ta' verifika għandha tadotta deċiżjoni li tiddikjara jekk l-pjanta tal-NGT hijiex pjanta tal-NGT tal-kategorija 1. Għandha tibgħat id-deċiżjoni **mingħajr dewmien żejjed** lil min jagħmel it-talba, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

Emenda

8. Fin-nuqqas ta' **oġġezzjonijiet xjentifiċi motivati** minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni, fi żmien **l-iskadenza** msemmija fil-paragrafu 7, l-awtorità kompetenti li tkun ħejjiet ir-rapport ta' verifika għandha tadotta deċiżjoni li tiddikjara jekk l-pjanta tal-NGT hijiex pjanta tal-NGT tal-kategorija 1. **L-awtorità nazzjonali kompetenti** għandha tibgħat id-deċiżjoni **fi żmien 10 jiem tax-xogħol** lil min jagħmel it-talba, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

9. *F'każijiet fejn isir kumment minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni sal-iskadenza msemmija fil-paragrafu 7, l-awtorità kompetenti li tkun ħejjiet ir-rapport ta' verifika għandha tibgħat il-kumment(i) lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed.*

imħassar

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

10. *Il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-“Awtorità”), għandha tħejji abbozz ta' deċiżjoni li tiddikjara jekk il-pjanta tal-NGT hijiex pjanta tal-kategorija 1 tal-NGT fi żmien 45 jum tax-xogħol mid-data li fiha tirċievi l-kumment(i), filwaqt li tqis dawn tal-aħħar. Id-deċiżjoni għandha tiġi adottata f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 28(2).*

10. *Meta jkunu saru oġġezzjonijiet xjentifiċi, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha titlob lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (“l-Awtorità”) għal opinjoni xjentifika dwar ir-rapport ta' verifika. L-Awtorità għandha toħroġ l-opinjoni xjentifika tagħha dwar ir-rapport ta' verifika fi żmien 30 jum mid-data tal-wasla ta' dak ir-rapport. L-awtorità kompetenti għandha tadotta deċiżjoni abbażi tal-opinjoni xjentifika tal-Aġenzija fi żmien 20 jum tax-xogħol mid-data ta' dik l-opinjoni. L-awtorità kompetenti għandha tibgħat id-deċiżjoni mingħajr dewmien żejjed lil min jagħmel it-talba, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.*

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

[...]

imħassar

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 7a

Moviment liberu tal-pjanti NGT tal-kategorija 1 u tal-prodotti NGT tal-kategorija 1

L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu, jew jimpedixxu r-rilaxx intenzjonat jew it-tqegħid fis-suq uniku tal-UE tal-pjanti NGT tal-kategorija 1 u tal-prodotti NGT tal-kategorija 1, li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 7b

Pjanti li jirriżultaw minn inkroċju konvenzjonali bejn żewġ pjanti NGT tal-kategorija 1

Pjanta li tkun ir-riżultat ta' inkroċju konvenzjonali bejn żewġ pjanti NGT tal-kategorija 1 verifikati u li fiha jinżammu l-modifiki introdotti ma titqiesx bħala pjanta NGT ġdida u awtomatikament iżżomm status NGT tal-kategorija 1.

Ġustifikazzjoni

Huwa utli ħafna li jiġi ċċarat l-istatus NGT tal-kategorija 1 tal-pjanti li jkunu r-riżultat ta' inkroċju konvenzjonali bejn żewġ pjanti NGT tal-kategorija 1 verifikati.

Emenda 49

**Proposta għal regolament
Artikolu 10**

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 10

Il-materjal riproduttiv tal-pjanti, inkluż għal finijiet ta' tmissil u għal finijiet xjentifiċi, li fih jew jikkonsisti minn pjanta/i NGT tal-kategorija 1 u li jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' partijiet terzi, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk mingħajr ħlas, għandu jkollu tikketta li tindika l-kliem "NGT kat 1", segwit min-numru ta' identifikazzjoni tal-pjanta/i NGT li minnha/minnhom ikun ġie derivat.

Il-materjal riproduttiv tal-pjanti, inkluż għal finijiet ta' tmissil u għal finijiet xjentifiċi, li fih jew jikkonsisti minn pjanta/i NGT tal-kategorija 1 u li jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' partijiet terzi, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk mingħajr ħlas, għandu jkollu tikketta li tindika l-kliem "NGT kat 1", segwit min-numru ta' identifikazzjoni tal-pjanta/i NGT li minnha/minnhom ikun ġie derivat.

Emenda 50

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

imħassar

Emenda

Għandu jkun ipprojbit li l-prodotti għall-konsumatur jiġu tikkettati bħala li fihom prodotti NGT jew li jkunu ġew żviluppati bl-użu tal-NGT. Barra minn hekk, għandu jkun ipprojbit l-użu ta' "tikkettar negattiv" billi l-prodotti jiġu tikkettati bħala li ma fihomx prodotti NGT jew li ma ġewx żviluppati bl-użu tal-NGT.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda tikkettar fuq il-prodotti għall-konsumatur - anke "tikkettar negattiv" kif deskritt. Tali tikkettar huwa diskriminatorju u qarrieqi fil-konfront tal-konsumaturi peress li l-għarfien tat-tekniki tat-tnissil tal-pjanti ma huwiex mifrux u tradizzjonalment qatt ma jiġi ttikkettat.

Emenda 51

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) il-metodi għat-teħid tal-kampjuni (inklużi r-referenzi għall-metodi ta' teħid tal-kampjuni uffiċjali jew standardizzati eżistenti), is-sejba, l-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-pjanta tal-NGT. F'każijiet fejn ma jkunx fattibbli li jiġi pprovdut metodu analitiku li jsib, jidentifika u jikkwantifika, ***jekk debitament iġġustifikat min-notifikatur, il-modalitajiet għall-konformità mar-rekwiżiti tal-metodu analitiku għandhom jiġu adattati kif speċifikat fl-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (e), u l-gwida msemmija fl-Artikolu 29(2);***

Emenda

(1) il-metodi għat-teħid tal-kampjuni (inklużi r-referenzi għall-metodi ta' teħid tal-kampjuni uffiċjali jew standardizzati eżistenti), is-sejba, l-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-pjanta tal-NGT. F'każijiet fejn ma jkunx fattibbli li jiġi pprovdut metodu analitiku li jsib, jidentifika u jikkwantifika, ***il-pjanta NGT għandha taqa' taħt il-kategorija 1 f'konformità mal-Artikolu 3(7)(ba).***

Ġustifikazzjoni

Il-pjanti NGT li għalihom ma jista' jiġi żviluppat l-ebda metodu ta' identifikazzjoni unika għandhom jiġu rregolati bħala pjanti NGT tal-Kategorija 1, peress li se jkunu jistgħu jiġu distinti minn pjanti mnissla b'mod konvenzjonali. Kwalunkwe eżitu ieħor se jirriżulta fi kwistjonijiet ta' infurzar u joħloq sfidi għall-importazzjonijiet.

Emenda 52

Proposta għal regolament

Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 16

Emenda

imħassar

Tikkettar f'konformità mal-Artikolu 23
Minbarra l-Artikolu 19(3) tad-Direttiva
2001/18/KE, il-kunsens bil-miktub
għandu jispeċifika t-tikkettar f'konformità
mal-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 53

Proposta għal regolament **Artikolu 22 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-inċentivi f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 u għall-prodotti tal-NGT tal-kategorija 2, fejn mill-inqas waħda mill-karatteristiċi maħsuba tal-pjanta tal-NGT ipprovduti mill-modifikazzjoni ġenetika tkun tinsab **fil-Parti 1 tal-Anness III** u ma jkollha l-ebda karatteristika msemmija fil-Parti 2 **ta' dak l-Anness**.

Emenda

1. L-inċentivi f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 u għall-prodotti tal-NGT tal-kategorija 2, fejn mill-inqas waħda mill-karatteristiċi maħsuba tal-pjanta tal-NGT ipprovduti mill-modifikazzjoni ġenetika tkun tinsab **fl-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) .../... (dwar il-Materjal Riproduttiv tal-Pjanti)** u ma jkollha l-ebda karatteristika msemmija fil-Parti 2 **tal-Anness III ta' dan ir-Regolament**.

Emenda 54

Proposta għal regolament **Artikolu 23**

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 23

Tikkettar tal-prodotti NGT tal-kategorija **2 awtorizzati**

Minbarra r-rekwiżiti tat-tikkettar
imsemmija fl-Artikolu 21 tad-Direttiva
2001/18/KE, l-Artikoli 12, 13, 24 u 25 tar-
Regolament (KE) Nru 1829/2003, u l-
Artikolu 4(6) sa (7) tar-Regolament (KE)
Nru 1830/2003, u mingħajr preġudizzju
għar-rekwiżiti skont leġiżlazzjoni oħra tal-
Unjoni, it-tikkettar ta' prodotti NGT tal-
kategorija 2 awtorizzati jista' jsemmi
wkoll il-karatteristika/ċi mogħtija mill-

Emenda

imħassar

modifikazzjoni ġenetika, kif speċifikat fil-kunsens jew fl-awtorizzazzjoni skont it-Taqsimiet 2 jew 3 tal-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament.

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 24

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri **għandhom** jieħdu miżuri xierqa biex jevitaw il-preżenza mhux intenzjonata tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 fi prodotti mhux soġġetti għad-Direttiva 2001/18 jew għar-Regolament 1829/2003.

Emenda

L-Istati Membri **jistgħu** jieħdu miżuri xierqa biex jevitaw il-preżenza mhux intenzjonata tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 fi prodotti mhux soġġetti għad-Direttiva 2001/18 jew għar-Regolament 1829/2003, **biss fil-każ li jkun jistgħu jinstabu, jiġu identifikati u kwantifikati pjanti NGT tal-kategorija 2 permezz ta' metodu analitiku. Dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx japplikaw għall-pjanti NGT tal-kategorija 1 u għall-prodotti NGT tal-kategorija 1.**

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 25

Test propost mill-Kummissjoni

L-Artikolu 26b tad-Direttiva 2001/18/KE ma għandux japplika għall-pjanti NGT **tal-kategorija 2.**

Emenda

L-Artikolu 26b tad-Direttiva 2001/18/KE ma għandux japplika għall-pjanti NGT.

Ġustifikazzjoni

Peress li l-pjanti NGT tal-Kategorija 1 huma ekwivalenti għal daww konvenzjonali, ma għandha tkun meħtieġa l-ebda nonparteciżazzjoni mill-kultivazzjoni ta' dawn il-prodotti.

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 5a (ġdid)

5 a. *Mhux aktar tard mill-2026, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-rwol u l-impatt tal-privattivi fuq l-aċċess tan-nissiela u l-bdiewa għal materjal riproduttiv tal-pjanti varjat, kif ukoll dwar l-innovazzjoni u b'mod partikolari dwar l-opportunitajiet għall-SMEs. Ir-rapport għandu jivvaluta jekk humiex meħtieġa dispożizzjonijiet legali ulterjuri minbarra dawk previsti fl-Artikolu 4a u l-Artikolu 33a ta' dan ir-Regolament. Meta jkun xieraq biex jiġi żgurat l-aċċess tan-nissiela u l-bdiewa għal materjal riproduttiv tal-pjanti, id-diversità taż-żrieragħ u prezzijiet raġenevoli, kif ukoll il-promozzjoni li għadha għaddejjja tal-innovazzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-opportunitajiet għall-SMEs, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn pjan direzzjonali biex jindirizza ulterjorment l-aġġustamenti meħtieġa fil-qafas tal-proprjetà intellettwali.*

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 33a (ġdid)

Artikolu 33a

Emendi għad-Direttiva 98/44/KE

L-Artikolu 4 tad-Direttiva 98/44/KE dwar il-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 1, jiżdiedu l-punti (c) u (d):

“(c) pjanti NGT, materjal tal-pjanti u partijiet minnhom, kif definit fir-Regolament (UE) .../... [daħħal referenza

għal dan ir-Regolament];

(d) il-pjanti, il-materjal tal-pjanti u l-partijiet tagħhom jistgħu jinkisbu b'tekniki esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/18/KE kif elenkat fl-Anness 1B ta' dik id-Direttiva.”

Ġustifikazzjoni

Allinjament tekniku fir-rigward tal-esklużjoni tal-materjal tal-pjanti mill-jedd għall-privattiva.

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Għandu japplika minn [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda

Għandu japplika minn [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. *Madankollu, l-Artikolu 4a u l-Artikolu 33a għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ.*

Emenda 60

Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Pjanta tal-NGT titqies ekwivalenti għal pjanti konvenzjonali *meta tkun differenti mill-pjanta riċevitriċi/ġenitur b'mhux aktar minn 20 modifika ġenetika tat-tipi msemmija fil-punti 1 sa 5, fi kwalunkwe similarità tas-sekwenza tal-kondiviżjoni tas-sekwenza tad-DNA mas-sit fil-mira li tista' tiġi mbassra minn għodod bijoinformatiċi.*

Emenda

Pjanta tal-NGT titqies ekwivalenti għal pjanti konvenzjonali *jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin imsemmija fil-punti 1 u 1a:*

Emenda 61

**Proposta għal regolament
Anness I – punt 1**

Test propost mill-Kummissjoni

(1) is-sostituzzjoni jew l-inserzjoni ta' mhux aktar minn 20 nukleotid;

Emenda

(1) ***L-għadd tal-avvenimenti ta' mutazzjoni li ġejjin, li jistgħu jiġu kkombinati ma' xulxin, ma jaqbiżx tlieta għal kwalunkwe sekwenza ta' kodifikazzjoni tal-proteina (il-mutazzjonijiet fl-introni u s-sekwenzi regolatorji huma esklużi minn dan il-limitu):***

(a) is-sostituzzjoni jew l-inserzjoni ta' mhux aktar minn 20 nukleotid;

(b) it-tħassir ta' kwalunkwe għadd ta' nukleotidi;

Emenda 62

**Proposta għal regolament
Anness I – punt 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1 a) Il-modifiki ġenetiċi li ġejjin, li jistgħu jiġu kkombinati ma' xulxin, ma joħolqux proteina kimerika li ma tkunx preżenti fl-ispeċijiet mill-aggregazzjoni tal-ġeni għal finijiet ta' tnissil:

(a) inserzjoni mmirata ta' sekwenzi kontinwi tad-DNA li jeżistu fl-aggregazzjoni tal-ġeni għal finijiet ta' tnissil;

(b) sostituzzjoni mmirata ta' sekwenzi endoġeni ta' DNA b'sekwenzi kontinwi tad-DNA li jeżistu fl-aggregazzjoni tal-ġeni għal finijiet ta' tnissil;

(c) inverżjoni jew trażlokazzjoni ta' sekwenzi endoġeni kontinwi ta' DNA li jeżistu fl-aggregazzjoni tal-ġeni għal finijiet ta' tnissil.

Emenda 63

**Proposta għal regolament
Anness I – punt 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) *it-tħassir ta' kwalunkwe għadd ta' nukleotidi;*

imħassar

Emenda 64

**Proposta għal regolament
Anness I – punt 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) *bil-kundizzjoni li l-modifika ġenetika ma tinterrompi gene endoġenu:*

imħassar

(a) *inserzjoni mmirata ta' sekwenza kontigwa tad-DNA li teżisti fl-aggregazzjoni tal-ġeni tan-nissiel;*

(b) *sostituzzjoni mmirata ta' sekwenza endoġena ta' DNA b'sekwenza kontigwa tad-DNA li teżisti fl-aggregazzjoni tal-ġeni tan-nissiel;*

Emenda 65

**Proposta għal regolament
Anness I – punt 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4) *inverżjoni mmirata ta' sekwenza ta' kwalunkwe numru ta' nukleotidi;*

imħassar

Emenda 66

**Proposta għal regolament
Anness I – punt 5**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) kwalunkwe modifika mmirata oħra ta' kwalunkwe daqs, bil-kundizzjoni li s-sekwenzi tad-DNA li jirriżultaw diġà jseħħu (possibbilment b' modifiki kif aċċettati skont il-punti (1) u/jew (2)) fi speċi mill-aggregazzjoni tal-ġeni tan-nissjela.

imħassar

Emenda 67

Proposta għal regolament Anness III – Parti 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Karatteristiċi li jiġġustifikaw l-inċentivi msemija fl-Artikolu 22:

Karatteristiċi li jiġġustifikaw l-inċentivi msemija fl-Artikolu 22 ***huma elenkati fl-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) .../... (dwar il-Materjal Riproduttiv tal-Pjanti).***

Ġustifikazzjoni

Il-valutazzjoni tas-sostenibbiltà għandha tkun konformi mar-Regolament dwar Materjal Riproduttiv tal-Pjanti, li jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' sostenibbiltà għat-tipi kollha ta' Materjal Riproduttiv tal-Pjanti. Jitħassru l-punti (1 sa 7) li ġejjin.

Emenda 68

Proposta għal regolament Anness III – Parti 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) ir-rendiment, inklużi l-istabbiltà tar-rendiment u r-rendiment f'kundizzjonijiet ta' input baxx;

imħassar

Emenda 69

Proposta għal regolament Anness III – Parti 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) it-tolleranza/ir-reżistenza għal stress bijotiku, inkluż mard tal-pjanti kkawżat minn nematodi, fungi, batterji, viruses u pesti oħrajn;

imħassar

Emenda 70

**Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – punt 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) it-tolleranza/ir-reżistenza għal stress abijotiku, inklużi dak maħluq jew aggravat mit-tibdil fil-klima;

imħassar

Emenda 71

**Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – punt 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4) l-użu aktar effiċjenti tar-riżorsi, bħall-ilma u n-nutrijenti;

imħassar

Emenda 72

**Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – punt 5**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) il-karatteristiċi li jtejbu s-sostenibbiltà tal-ħżin, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni;

imħassar

Emenda 73

**Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – punt 6**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) *il-kwalità mtejba jew karatteristiċi nutrizzjonali;* *imħassar*

Emenda 74

Proposta għal regolament Anness III – Parti 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) *il-ħtieġa mnaqqsa ta' inputs esterni, bħal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u fertilizzanti.* *imħassar*

Emenda 75

Proposta għal regolament Anness III – Parti 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2 *Karatteristiċi li jeskludu l-applikazzjoni tal-inċentivi msemmija fl-Artikolu 22: it-tolleranza għall-erbiċidi.* *imħassar*

Ġustifikazzjoni

L-Anness III, il-Parti 2 teskludi l-pjanti NGT li fihom karatteristiċi tolleranti għall-erbiċida mill-inċentivi regolatorji. Barra minn hekk, tali esklużjoni ma hijiex konsistenti mal-premessa 26 li tiċċara li r-Regolament propost ma huwiex maħsub biex iqis il-miżuri speċifiċi dwar pjanti NGT tolleranti għall-erbiċida.

ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur tiddikjara taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha li ma rċeviet l-ebda kontribut minn xi entità jew persuna li għandha tissemma f'dan l-Anness skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625
Referenzi	COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 19.10.2023
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 19.10.2023
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	19.10.2023
Rapporteur għall-opinjoni Data tal-ħatra	Veronika Vrecionová 28.8.2023
Eżami fil-kumitat	26.10.2023
Data tal-adozzjoni	11.12.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 34 - : 11 0 : 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Dacian Cioloş, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, José Manuel Fernandes, Paola Ghidoni, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Elsi Katainen, Camilla Laureti, Norbert Lins, Elena Lizzi, Colm Markey, Marlene Mortler, Ulrike Müller, Maria Noichl, Juozas Olekas, Eugenia Rodríguez Palop, Daniela Rondinelli, Katarína Roth Nevedálová, Bert-Jan Ruissen, Anne Sander, Veronika Vrecionová, Sarah Wiener, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Anna Deparnay-Grunenberg, Dino Giarrusso, Charles Goerens, Claude Gruffat, Anja Hazekamp, Peter Jahr, Cristina Maestre Martín De Almagro, Sandra Pereira, Michaela Šojdrová, Tom Vandenkendelaere, Thomas Waitz
Sostituti skont l-Artikolu 209(7) preżenti għall-votazzjoni finali	Mercedes Bresso

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

34	+
ECR	Mazaly Aguilar, Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová
ID	Ivan David, Paola Ghidoni, Elena Lizzi
NI	Dino Giarrusso
PPE	Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, José Manuel Fernandes, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Colm Markey, Marlene Mortler, Anne Sander, Michaela Šojdrová, Tom Vandenkendelaere, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Asger Christensen, Dacian Cioloș, Jérémy Decerle, Charles Goerens, Martin Hlaváček, Elsi Katainen, Ulrike Müller
S&D	Clara Aguilera, Mercedes Bresso, Paolo De Castro, Camilla Laureti, Cristina Maestre Martín De Almagro, Juozas Olekas, Daniela Rondinelli

11	-
ECR	Krzysztof Jurgiel
NI	Katarína Roth Nevedálová
S&D	Maria Noichl
The Left	Anja Hazekamp, Sandra Pereira, Eugenia Rodríguez Palop
Verts/ALE	Anna Deparnay-Grunenberg, Claude Gruffat, Martin Häusling, Thomas Waitz, Sarah Wiener

1	0
S&D	Isabel Carvalhais

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom, u emenda tar-Regolament (UE) 2017/625
Referenzi	COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	6.7.2023
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 19.10.2023
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 19.10.2023
Kumitati assoċjati Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 19.10.2023
Rapporteurs Data tal-ħatra	Jessica Polfjård 28.8.2023
Eżami fil-kumitat	7.11.2023
Data tal-adozzjoni	24.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 47 - : 31 0 : 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Amalric, Maria Arena, Hildegard Bentele, Sergio Berlato, Michael Bloss, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Nathalie Colin-Oesterlé, Maria Angela Danzi, Esther de Lange, Christian Doleschal, Bas Eickhout, Pietro Fiocchi, Helène Fritzton, Malte Gallée, Gianna Gancia, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Anja Hazekamp, Martin Hojsík, Jan Huitema, Karin Karlsbro, Petros Kokkalis, Peter Liese, Javi López, César Luena, Marian-Jean Marinescu, Lydie Massard, Liudas Mažylis, Marina Measure, Silvia Modig, Dolores Montserrat, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Nikos Papandreou, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Erik Poulsen, Nicola Procaccini, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone, Günther Sidl, Maria Spyraiki, Nils Torvalds, Edina Tóth, Achille Variati, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Tiemo Wölken
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Asger Christensen, Christophe Clergeau, Margarita de la Pisa Carrión, Martin Häusling, Ska Keller, Danilo Oscar Lancini, Sara Matthieu, Marlene Mortler, Manuela Ripa, Nicolae Ștefănuță, Idoia Villanueva Ruiz
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Mazaly Aguilar, Katarina Barley, Franc Bogovič, Daniel Buda, Ana Collado Jiménez, Paola Ghidoni, Peter Jahr, Thierry Mariani, Nora Mebarek, Sara Skytvedal, Michaela Šojdrová, Veronika Vrecionová, Stefania Zambelli
Data tat-tressiq	29.1.2024

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

47	+
ECR	Mazaly Aguilar, Sergio Berlato, Pietro Fiocchi, Teuvo Hakkarainen, Margarita de la Pisa Carrión, Nicola Procaccini, Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová
ID	Gianna Gancia, Paola Ghidoni, Danilo Oscar Lancini, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone
PPE	Hildegard Bentele, Franc Bogovič, Daniel Buda, Nathalie Colin-Oesterlé, Ana Collado Jiménez, Christian Doleschal, Peter Jahr, Esther de Lange, Peter Liese, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Dolors Montserrat, Marlene Mortler, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Sara Skytvedal, Michaela Šojdrová, Maria Spyraki, Pernille Weiss, Stefania Zambelli
Renew	Catherine Amalric, Pascal Canfin, Asger Christensen, Jan Huitema, Karin Karlsbro, Erik Poulsen, Frédérique Ries, Nils Torvalds, Emma Wiesner
S&D	Helène Fritzon, Javi López, César Luena, Achille Variati

31	-
NI	Maria Angela Danzi, Edina Tóth
Renew	Martin Hojsík, Michal Wiezik
S&D	Maria Arena, Katarina Barley, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Christophe Clergeau, Nora Mebarek, Nikos Papandreou, Günther Sidl, Petar Vitanov, Tiemo Wölken
The Left	Anja Hazekamp, Petros Kokkalis, Marina Mesure, Silvia Modig, Idoia Villanueva Ruiz, Mick Wallace
Verts/ALE	Michael Bloss, Bas Eickhout, Malte Gallée, Martin Häusling, Ska Keller, Lydie Massard, Sara Matthieu, Ville Niinistö, Manuela Ripa, Nicolae Ștefănuță

4	0
ID	Catherine Griset, Thierry Mariani
Renew	María Soraya Rodríguez Ramos
S&D	Alessandra Moretti

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni